# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
## (SEDE KOSTITUZZJONALI)

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Sitta u Għoxrin (26) ta' Settembru 2024**

**Rikors Numru 801/2021FDP**

Fl-ismijiet

**Paul Attard (K.I:0475978M)**

**Vs**

**Avukat Ġenerali**

**Avukat tal-Istat**

**U**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 15 ta' Diċembru 2021 li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

*Ir-rikorrent estradant tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti nhar is-6 ta' Settembru 2021 wara l-ħruġ ta' allert taħt is-sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (minn issa 'l quddiem 'SISII')[1] għall-finijiet ta' treġġija lura lejn il-pajjiż rikjedent u kif ukoll in forza ta' Mandat ta' Arrest Ewropew (minn issa 'l quddiem 'MAE')[2] maħruġ kontrih nhar is-7 ta' Ġunju 2019 mill-Awtoritajiet Ġudizzjarja tar-Repubblika Taljana senjatament mit-Tribunale Di Catania Del Guidice Per Le Indagini Preliminari u l-konsegwenti ħruġ taċ-ċertifikati tal-Avukat Ġenerali a tenur tar-regolamenti 6A u 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 fejn huwa ġie ppreżentat taħt arrest għal finijiet ta' estradizzjoni lejn il-pajjiż rikjedent u l-eventwali prosekuzzjoni tiegħu ġewwa l-istess pajjiż ossia Ir-Repubblika ta'*

*l-Italja, li huwa pajjiż skedat ai fini tal-regolament 5 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05.*

*Permezz ta' sentenza mogħtija nhar is-17 ta' Novembru 2021, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti, ai termini tar-regolament 24 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat li r-rikorrent estradant* ***għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġigħ lura tiegħu lejn il-pajjiż skedat*** *u kif ukoll informat lill-istess rikorrent estradant li ai termini tar-regolament 25 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 moqri flimkien mal-artikolu 16 tal-Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta:*

> *(a) Mhuwiex ser jiġi mreġġa' lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu sebat (7) ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;*
>
> *(b) Għandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-Ordni;*
>
> *(c) Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta Malta, ġie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-każ.*

*Ir-rikorrenti intavola appell mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti fejn ir-rikorrenti talab lill-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex tħassar is-sentenza appellata u fl-eventwalita' li l-aggravji kollha mressqa mir-rikorrenti jiġu miċħuda, r-rikorrenti kien talab li:*

i. *Jiġi applikat a favur tiegħu l-artikolu 28A tal-L.S. 276.05 stante u fid-dawl tal-proċeduri penali oħra fil-konfront tiegħu hawn Malta pendenti attwalment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (per Mag. Dr I. Farrugia) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. R. Stivala) vs Paul Attard"; u*

ii. *Kif ukoll tordna li l-estradizzjoni tal-esponenti qiegħda ssir bil-kondizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soġġetta dejjem għal-"law of speciality" ossija in konnessjoni mar-reat addebitat lilu fil-MAE li a bażi tiegħu saru dawn il-proċeduri, u msemmi fir-regolament 18 tal-L.S. 276.05; u*

iii. *Kif ukoll li jiġi applikat a favur tiegħu dak li jiddisponi l-artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, kemm pendente lite matul il-proċeduri penali ġewwa l-Italja, kif ukoll sabiex fl-eventwalita' ta' dikjarazzjoni ta' ħtija tal-esponenti in segwitu għal proċeduri penali kontrih fl-Italja, f'liema proċeduri huwa jkun ġie mogħti piena ta' priġunerija effettiva, li, l-istess*

*appellant jkun ritornat lil Malta sabiex huwa jservi f'Malta l-piena fuqu mposta."*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar id-9 ta' Diċembru 2021 għaddiet sabiex iddeċiediet l-appell numru 417/2021 fl-ismijiet il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs Paul Attard, fejn ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti inkluż it-talbiet sussidjarji (i) u (iii) msemmija iktar 'il fuq f'dan ir-rikors u ordnat it-treġġiegħ tar-rikorrenti estradant lejn l-Italja kif mitlub mill-awtoritajiet ġudizzjarji fl-Italja skond il-mandat ta' arrest Ewropew de quo u li l-estradant għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura tiegħu lejn l-Italja, il-pajjiż skedat fejn inħareġ il-mandat;*

*Illi fl-imsemmija sentenza tagħha l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet wkoll it-talba magħmula mir-rikorrenti estradant sabiex il-Qorti tordna li ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għaliex ma rriżultawx il-kundizzjonijiet taħt l-artikolu 5(1) tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha nhar id-9 ta' Diċembru 2021 infurmat lir-rikorrenti (estradant) li:*

*a) Mhuwiex ser jitreġġa' lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' Kustodja;*

*b) Jekk jidhirlu li xi wieħed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Liġijiet ta' Malta, kien miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun serja tiġi miksura dwar il-persuna tiegħu hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-Kustodja tal-Qorti, huwa għandu jedd jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ."*

***Fatti***

*Illi l-fatti fil-qosor ta' dan il-każ kienu s-segwenti:*

1. *Illi f'Ġunju tas-sena 2018, wara investigazzjoni minnha kondotta, il-Guardia di Finanza ta' Palermo waqqfet bastiment, li kellu **l-bandiera Olandiża f'ibħra internazzjonali**;*

2. *Illi fuq tali bastiment instabet circa ta' għaxar (10) tunellati ta' sustanza suspettata droga u n-nies preżenti fuq il-bastiment ġew arrestati u meħuda Catania. L-appellant estradant ma kienx fost dawn l-individwi;*

3. *Illi jemerġi li fil-kors tal-investigazzjoni kondotta mill-awtoritajiet Taljani u tramite European Investigation Order (EIO), nhar il-5 ta' Marzu 2019 sar l-interrogatorju tal-appellant estradant waqt li huwa kien jinsab Malta;*

4. *Illi fid-29 ta' April 2019 it-Tribunale Di Catania Del Guidice Per Le Indagini Preliminari ħareġ Ordinanza di Applicazione di Misura Cautelare fil-konfront tal-appellant estradant. A bażi ta' din l-Ordinanza l-istess awtorita ġudizzjarja ħarġet MAE fil-konfront tiegħu u nħareġ ukoll SISII alert;*

5. *Tali MAE ġie esegwit f'Malta iżda il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti, permezz ta' sentenza mogħtija nhar is-6 ta' Ġunju 2019, kienet ordnat ir-rilaxx tal-appellant estradant minnufih stante li l-MAE kien ġie miċħud;*

6. *Illi in segwitu, nhar is-7 ta' Ġunju 2019, l-istess Awtorita' Ġudizzjarja Taljana, ossia it-Tribunale Di Catania Del Guidice Per Le Indagini Preliminari, ħarġet MAE ieħor fil-konfront tal-appellant estradant u dan l-MAE il-ġdid ġie anness mas-SISII alert minflok l-MAE ta' qablu;*

7. *Illi nhar il-5 ta' Settembru 2021, l-Avukat Ġenerali ċċertifika li l-Giudice per le Indagini Preliminari fi ħdan it-Tribunale di Catania, u ċioe' l-awtorita li fuq talba tagħha nħareġ l-allert de quo, għandu l-prerogattiva li jitlob il-ħruġ tal-allerti fir-Repubblika Taljana. L-għada, nhar is-6 ta' Settembru 2021, l-appellant estradant reġa' ġie arrestat f'Malta u in segwitu nbdew il-proċeduri odjerni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti;*

8. *Illi jemerġi li tul dan iż-żmien, il-proċeduri penali fl-Italja fil-konfront tal-appellant estradant komplew tant li l-istadju ta' indagine preliminare ġie konkluż u saħansitra nħareg ir-Rinvio a Gudizio u l-proċeduri issa qegħdin pendenti quddiem it-Tribunale Di Catania III Sezione Penale Rito Collegiale.*

*Illi r-rikorrenti ħass ruħu aggravat bis-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex inter alia, kif ser jiġi spjegat b'mod dettaljat fl-aggravji f'dan ir-rikors, ġew miksura disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, li tiġġustifika r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-Kustodja tal-Qorti. Għalhekk ir-rikorrenti qiegħed jitlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artiklu 46 tal-istess Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea skont il-każ.*

*Illi l-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:*

***L-EWWEL AGGRAVJU***

***Dwar l-Artikolu 16 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta u l-mankanza palesi għar-referenza tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-imsemmi Artikolu:***

*Illi fl-ewwel lok, l-Artikolu 16 tal-Kap. 276 (Att Dwar l-Estradizzjoni) tal-Liġijiet ta' Malta jitkellem dwar id-dmir tal-Qorti Rimandanti li tgħarraf lill-*

*persuna in kwistjoni bil-jeddiet tagħha fosthom il-jeddiet li joħorġu mill-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea;*

*Illi, f'Diċembru tal-2009, daħlet fis-seħħ, bis-saħħa tat-Trattat ta' Lisbona, Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea li l-għan aħħari tagħha huwa li tamplifika u saħħaħ il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem u tassigura li l-istess drittijiet huma iktar espliċiti għaċ-ċittadini Ewropej.*

*Illi l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea ("TUE") jispeċifika li l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandha l-istess valur legali u tapplika fuq l-Unjoni Ewropea (inkluż il-Membri Stati) bl-istess saħħa tat-Trattati.*

*Illi l-Artikolu 51 (dwar il-kamp ta' Applikazzjoni) tal-imsemmija Karta jistipula:*

> ***1. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji ta' l-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi ta' l-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skond il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi ta' l-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati.***
>
> *2. Il-Karta ma testendix il-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi ta' l-Unjoni lil hinn mill-kompetenzi ta' l-Unjoni jew ma tistabbilixxi ebda setgħa jew kompitu ġdid għall-Unjoni, u ma timmodifikax il-kompetenzi u l-kompiti definiti fit-Trattati." **(enfasi tal-esponenti)***

***Illi nonostante l-obbligu li jipprexendi mill-provizzjonijiet hawn fuq imsemmija u l-importanza li l-leġislatur Ewropew rabat mal-Karta, il-leġislatur Malti, naqas milli jaddebita l-istess importanza u jemenda l-Kap. 276 (Att Dwar l-Estradizzjoni) tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari fl-Artikolu 16 tal-istess Att u jinkorpora referenza għall-istess Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea:***

> *16. Meta persuna tintbagħat f'kustodja skont l-artikolu 15, il-qorti għandha, barra milli tgħarrafha li ma tkunx se titreġġa' lura qabel ma jgħaddu ħmistax-il jum mid-data tal-ordni ta' kustodja u li, ħlief fil-każ li tinbagħat taħt kustodja biex tistenna li titreġġa' lura taħt id-disposizzjonijiet tal-artikolu 15(5), hi tista' tappella lill-Qorti tal-Appell Kriminali, tgħarrafha wkoll illi, jekk jidhrilha li xi waħda mid-disposizzjonijiet tal-artikolu 10(1) u (2) tkun ġiet miksura jew li xi disposizzjoni tal-**Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea** hija, tkun ġiet jew x'aktarx tkun se tiġi miksura dwar il-persuna tagħha hekk li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-qorti, hija għandha jedd li*

> *titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-imsemmija Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, skont il-każ.*

*Illi għalhekk, il-leġislatur Malti, diġa' beda din it-tellieqa fuq sieq ħażina meta naqas li jemenda l-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, il-Qrati Rimandanti (ċioe il-Qrati ta' Malta), naqsu milli jgħarrfu lir-rikorrenti bil-jeddiet tiegħu li joħorġu mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

***Għaldaqstant ir-rikorrent jirrileva li l-Artikolu 16 tal-istess Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta hija null u bla effett stante li ma ġiex osservat il-prinċipju sacrosant tas-supremazija tal-Liġi tal-Unjoni Ewropea hekk kif sanċit u rikonoxxut fl-artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropeja, Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta u t-Trattat ta' Lisbona.***

***It-TIENI AGGRAVJU***

***Dwar it-talba tar-Rikorrenti għal Referenza Preliminari taħt l-Artikolu 5 (1) tal-Kap. 460***

***<u>(i) Nuqqas mil-leġislatur li jimplementa b'mod sħiħ id-Deċiżjoni Kwadru</u>***

*Ir-rikorrenti estradant jikkonċedi li quddiem l-Ewwel Onorabbli, fl-udjenza miżmuma nhar l-10 ta' Novembru 2021, huwa ma nvoka ebda waħda mill-impedimenti maħsuba fl-artikolu 13 tal-Liġi Sussidjarja 276.05 u dana biss minħabba li huwa, f'dak il-waqt, baxxa rasu għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2021*

*Illi pero' in vista tan-nota konġunta intavolata mill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija nhar it-12 ta' Novembru 2021, il-folja nqalbet ta' taħt fuq u kwindi ħareġ biċ-ċar li l-Prosekuzzjoni ma kenitx qiegħda tagħti u tfisser il-fatti mertu ta' dan il-każ b'mod ġust. Inter alia, bin-nota tagħha stess, il-Prosekuzzjoni sostniet illi;*

> *"Fil-każ in kwistjoni, l-għażla tal-awtoritajiet Maltin sabiex jitolbu l-estradizzjoni tal-persuna rikjesta* ***ma hi bl-ebda mod xi rinunzja tal-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet Maltin fuq l-estradant. Infatti, tali rinunzja ma tista' qatt isseħħ propju bis-saħħa tal-artikolu 5 tal-Kap. 9 kombaċut mal-artikolu 4(2)(3) tal-Konvenzjoni****." [sottolinejar tal-appellant estradant].*

*Ir-Rikorrenti estradant hawnhekk jikkontendi li l-Prosekuzzjoni, mingħajr ma ndunat, f'din il-parti tan-nota' ikkonċediet hi stess li fil-każ odjern fil-fatt jeżistu bars to extradition u ċioe'dawk relatati ma' prinċipji ta' ġurisdizzjoni u territoriality, senjatament dawk kontemplati fl-artikolu 4(2) u (7)(a)(b) tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fit-18 ta' Lulju 2002 u kif sussegwentament emendat fit-28 ta' Marzu 2009, li għall-aħjar kjarezza tal-ħsieb ser jiġu hawn riprodotti:*

> *"2. fejn il-persuna li hi s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew qed tiġi pproċessata fl-Istat Membru li jesegwixxi għall-istess att bħal dak fuq liema hu bbażat il-mandat ta' arrest Ewropew;*
>
> *...*
>
> *7. fejn il-mandat ta' arrest Ewropew jirrigwarda offiżi li:*
>
> *a) huma mħarsin mil-liġi ta' l-Istat Membru li jesegwixxi bħala li ġew imwettqin interament jew in parti fit-territorju ta' l-Istat Membru li jesegwixxi jew f'post ittrattat bħal dan; jew*
>
> *b) ġew imwettqin barra t-territorju ta' l-Istat Membru li joħroġ il-mandat u l-liġi ta' l-Istat Membru li jesegwixxi ma jħallix il-prosekuzzjoni għall-istess offiżi meta mwettqin barra t-territorju tiegħu"*

*Issa minn qari tal-artikolu 13(1A) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed sejjer jintebaħ li tali artikolu fil-fatt ma jinkludix il-bars to extradition kollha hekk kif maħsuba fl-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru.*

*Stante din il-mankanza gravi minn naħa tal-leġislatur Malti, ir-rikkorrent huwa awtomatikament **żvantaġġjat ab initio** peress li l-leġislatur Malti, għal xi raġuni stellari, naqas milli jimplementa l-provvedmenti tas-sub-artikolu 4 u 7 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru.*

*B'danakollu ma jfissirx li tali nuqqas leġislattiv għandu jimpedixxi l-osservanza tal-vot tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja ossia l-bars to extradition kontenuti fid-Deċiżjoni Kwadru de quo.*

*Dan għaliex wara kollox kien jinkombi fuq l-awtoritajiet nostrani li tali strument leġislattiv jiġi traspost fedelment b'qima lejn il-prinċipju tas-supremazija tal-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja u **l-Artikolu 6 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea,** ċioe li jkunu rispettati d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*L-Artikolu 6 "TEU" jistipola:*

> *"1. **L-Unjoni tirrikonoxxi d-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea tas-7 ta' Diċembru 2000, kif adattata fit-12 ta' Diċembru 2007 ġo Strasburgu, li għandha jkollha l-istess valur legali bħat-Trattati.***
>
> *Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta m'għandhom bl-ebda mod jestendu l-kompetenzi ta' l-Unjoni kif definiti mit-Trattati.*
>
> *Id-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji dikjarati fil-Karta għandhom jiġu interpretati skond id-dispożizzjonijiet ġenerali tat-Titolu VII tal-Karta*

*li jirregolaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tagħha u b'kont debitu meħud ta' l-ispjegazzjonijiet imsemmija fil-Karta, li jindikaw is-sorsi ta' dawk id-dispożizzjonijiet."*

*In sostenn ta' dan, ir-rikorrent estradant jagħmel referenza għal pronunzjament tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja fis-sentenza fl-ismijiet* ***Daniel Adam Poplawski (C-673/17 PPU)****, mogħtija nhar l-24 ta' Ġunju 2019, fejn ġie ritenut hekk:*

*"2. The principle of the primacy of EU law must be interpreted as meaning that it does not require a national court to disapply a provision of national law which is incompatible with the provisions of a framework decision, such as the framework decisions at issue in the main proceedings, the legal effects of which are preserved in accordance with Article 9 of Protocol (No. 36) on transitional provisions, annexed to the treaties, since those provisions do not have direct effect.* ***The authorities of the Member States, including the courts, are nevertheless required to interpret their national law, to the greatest extent possible, in conformity with EU law, which enables them to ensure an outcome that is compatible with the objective pursued by the framework decision concerned****." **[sottolinejar tar-rikorrent]***

***Ċertament, id-diskrepanzi u l-inkonsistenzi bejn l-impedimenti għall-estradizzjoni maħsuba fid-Deċiżjoni Kwadru u dawk kontemplati fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 tal-Liġijiet ta' Malta ma humiex ta' natura insinifikanti – anzi huma konsiderevoli u lampanti.***

*Tant hu hekk li f'każijiet bħal dak odjern, fejn ir-rikorrenti estradant qiegħed isejjes id-difiża tiegħu fuq l-impediment hekk magħruf ta' territorjalita', ikun possibbli għar-requested person li jinvoka bar għall-estradizzjoni tiegħu taħt id-Deċiżjoni Kwadru, liema bar pero' ma jkunx ukoll kontemplat fil-liġi nostrana.*

*Ċertament, f'xenarji ta' din it-tip, id-Deċiżjoni Kwadru għandu jingħata preċedenza u jsib applikazzjoni sħiħa għaliex altrimenti, fi kliem is-sentenza su-ċitata the outcome would not be compatible with the objective pursued by the framework decision.*

*Jekk Qorti jkollha tieħu konjizzjoni biss ta' dak maħsub fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 u teskludi dak kontemplat fid-Deċiżjoni Kwadru, apparti li tkun qegħda tiddisintegra u ġġib fix-xejn the objective pursued by the Framework Decision, tkun qiegħda wkoll tikser, bl-iktar mod manifest, il-prinċipju tas-supremazija tal-Liġijiet tal-Unjoni Ewropeja hekk kif sanċit u rikonoxxut fl-artikolu 3(2) tal-Att dwar l-Unjoni Ewropeja, Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula testwalment hekk:*

*"(2) Kull dispożizzjoni ta' liġi li mid-data msemmija tkun inkompatibbli mal-obbligazzjonijiet ta' Malta taħt it-Trattat jew li tidderoga minn xi dritt mogħti lil xi persuna bit-Trattat jew taħtu għandha, sa fejn dik il-*

> *liġi tkun inkompatibbli ma' dawk l-obbligazzjonijiet jew safejn tkun tidderoga minn dawk id-drittijiet, tkun bla effett u ma tkunx tista' tiġi infurzata."*

*Tkun qiegħda wkoll ġġib fix-xejn il-prinċipju kkristallizzat fl-artikolu 17 tad-Declaration Concerning Powers of the Treaty hekk kif ppublikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropeja bin-numru C- 306/256 nhar is-17 ta' Diċembru 2007, li jiddisponi hekk:*

> *"The Conference recalls that,* ***in accordance with well settled case law of the Court of Justice of the European Union, the Treaties and the law adopted by the Union on the basis of the Treaties have primacy over the law of Member States, under the conditions laid down by the said case law.***
>
> *The Conference has also decided to attach as an Annex to this Final Act the Opinion of the Council Legal Service on the primacy of EC law as set out in 11197/07 (JUR 260)" [sottolinejar tal-appellant].*

*Propju għaliex Malta hija membru sħiħ tal-Unjoni Ewropeja, hija għandha l-obbligu legali li tobdi a bocca baciata u tagħmel tagħha l-liġijiet tal-Unjoni Ewropeja u l-pronunzjamenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja.*

*Ir-rikorrent, jifhem li teżisti differenza bejn l-artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni Kwadru, madanakollu huwa ma jaqbilx mal-pożizzjoni tal-prosekuzzjoni dwar l-istess.*

*Il-prosekuzzjoni tisħaq li l-applikabblilita ta' l-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru hija waħda fejn l-istat jagħżel huwa għandux idaħħal tali optional bars fil-liġi tiegħu, mentri l-esponenti jisħaq li l-Istat Malti kellu jdaħħal dawn l-optional bars fi ħdan il-liġi tiegħu sabiex b'hekk jkun il-proċess ġudizzjarju dwar il-MAE li jiddetermina jekk hemmx xi impediment taħthom u jekk iva humiex raġunijiet biżżejjed sabiex il-persuna mitluba tiġix mibgħuta jew le, lejn il-pajjiż rikjedenti.*

*Minflok il-Qrati Maltin ma kellhomx għażla ħlief li qalu the 'buck stops here', sfortunatament, bħal 'Pontius Pilatu', u b'hekk ħaslu jdejhom u ħadu t-triq faċilissima, ċioe` li jiggranfaw mal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 li hija Ordni diffettuża u in oltre tmur kontra l-istess Deċiżjoni Kwadru.*

*Il-mument li Malta naqset milli tinkorpora fi ħdan l-L.S. 276.05, dak li jiddisponi l-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru, Malta hija ħatja ta' traspożizzjoni skorretta fi ħdan il-liġi tagħha.*

*Din il-mankanza gravi mhux talli tqiegħed lir-rikorrenti fi żvantaġġ, talli l-leġislatur Malti irrnexxilu jagħmel dak li l-Leġiżlaturi tal-Unjoni Ewropea ma ridux li jseħħ, iġifieri li "d-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imniżżla fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea."*

*Il-Qorti tal-Ġustuzzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) fil-każ fl-ismijiet Wolzenburg, C-123/08, ECLI:EU:C:2009:616, paragrafi 59 sa 61, u Popławski, C-579/15, ECLI:EU:C:2017:503, paragrafu 21 saħqet is-segwenti:*

*F'Wolzenburg, C-123/08 Il-QĠUE qalet:*

> *59 Fil-fatt, billi tillimita s-sitwazzjonijiet li fihom l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, tali leġiżlazzjoni sempliċement tiffaċilita l-konsenja tal-persuni mfittxija, inkonformità mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit fl-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, liema prinċipju huwa rregola essenzjali stabbilita minn din tal-aħħar.*
>
> *60 Fid-dawl ta' din ir-regola essenzjali, l-Artikolu 4 tad-deċiżjoni qafas imsemmija jistabbilixxi r-raġunijiet għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew li abbażi tagħhom jista' jkun ġustifikat li, fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, l-awtorità kompetenti tirrifjuta li teżegwixxi tali mandat.*
>
> *61 Fl-implementazzjoni tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, b'mod partikolari fl-implementazzjoni tal-Artikolu 4(6) tagħha, li huwa s-suġġett tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-Istati Membri neċessarjament għandhom marġni reali ta' diskrezzjoni.*

*F'Popławski, C-579/15, il-QĠUE qalet:*

> *21 Għaldaqstant, mill-formulazzjoni nnifisha tal-Artikolu 4(6) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jirriżulta, bħalma osserva l-Avukat Ġenerali fil-punt 30 tal-konklużjonijiet tiegħu, li, meta Stat Membru jkun għażel li jittrasponi din id-dispożizzjoni fid-dritt nazzjonali, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandu madankollu jkollha marġni ta' diskrezzjoni rigward il-kwistjoni dwar jekk hemmx lok jew le li tirrifjuta li teżegwixxi l-eżekuzzjoni tal-MAE. F'dan ir-rigward, din l-awtorità għandha tkun tista' tieħu in kunsiderazzjoni l-għan segwit permezz tar-raġuni għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv stabbilita f'din id-dispożizzjoni, li jikkonsisti, skont ġurisprudenza stabbilita sew tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-fatt li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tiġi permessa tagħti importanza partikolari lill-possibbiltà ta' żieda fl-opportunitajiet ta' integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà tal-persuna rikjesta mal-iskadenza tal-piena li għaliha din tal-aħħar tkun ġiet ikkundannata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).*

***Mis-suespost wieħed jista' jikkonkludi li għalkemm il-QĠUE tkellmet dwar il-fatt li xi Stati Membri għażlu li ma jimplimentawx xi partijiet mill-Artikolu 4 tal-imsemmija Deċiżjoni Kwadru, l-istess Qorti qatt ma***

***ikkonfermat li din kienet implimentazzjoni korretta tal-istess Deċiżjoni kwadru.***

***In oltre, kif diġa ġie ritenut f'dan l-aggravju, l-implimentazzjoni u t-traspozizzjoni tal-liġijiet tal-U.E. għandhom fuq kollox jħarsu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif protetti taħt l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.***

***(ii) Dwar l-Impediment għall-Estradizzjoni maħsuba fid-Deċiżjoni Kwadru l-applikazzjoni tal-Prinċipju ta' Territorjalita'.***

*L-estradant jibda sabiex jiċċita dak sostnut mil-prosekuzzjoni a paġina 3 tan-nota tagħhom ippreżentata fit-12 ta' Novembru 2021 u riferibbilment il-paragrafu numru (iv) ossia:*

> *"...Fil-każ in kwistjoni, l-għażla tal-awtoritajiet Maltin sabiex jitolbu l-estradizzjoni tal-persuna rikjesta ma hi bl-ebda mod xi rununzja tal-ġurisdizzjoni tal-awtoritajiet Maltin fuq l-estradant.* ***Infatti tali rinunzja ma tista` qatt isseħħ proprju bis-saħħa tal-artikolu 5 tal-Kap. 9 kombaċut mal-artikolu 4(2)(3) tal-Konvenzjoni."[sottolinear tal-esponenti].***

*Sa hawn l-estradant, jirringrazzja lill-Prosekuzzjoni talli għarrfu u ftakru fl-obbligu legali tagħhom, pero` s-sitwazzjoni ssir mwera u mgħawġa bil-frażi segwenti miktuba minnhom fl-istess paragrafu:*

> ***"Il-motivazzjoni tad-deċizjoni tal-awtoritajiet Maltin li titlob l-estradizzjoni tal-persuna rikjesta nonostante l-artikolu 5 tal-Kap. 9 hija msejsa fuq il-liġi li tippermetti l-estradizzjoni u fuq realtajiet prattiċi li fl-aħħar tal-ġurnata jissalvagwardjaw l-interessi tal-ġustizzja nfushom".***

*B'din l-aħħar frażi, l-awtoritajiet ta' prosekuzzjoni ta' pajjiżna, reġgħu lura l-arloġġ tal-istorja ta' Malta u rrendew lil pajjiżna bħala kolonja f'nofs il-baħar Mediterran.*

*Pajjiż huwa stat sovran mhux biss minħabba t-territorju, mhux biss minħabba li l-poplu li jgħix f'dik l-art jitkellmu l-istess lingwa, mhux biss għaliex għandhom storju komuni, mhux biss minħabba l-folklor, iżda prinarjament għaliex il-poplu ta' pajjiż jgħarraf lilu nnifsu bħala pajjiż sovran fejn fuq l-art tiegħu huwa sovran huwa stess u ħadd aktar.*

*Di fatti, fl-istudji akkademiċi tad-dritt legali Ewropew, nistudjaw dwar il-kunċett of* **pooling of sovriegnity** *meta l-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea jitkellmu b'vuċi waħda fuq l-istess suġġett.*

**Pooling of sovreignty**, *minkejja li jseħħ fl-oqsma tal-liġi ċivili u kummerċjali, ċertament dan ma japplikax fil-kamp tat-taxxa u wisq aqnas fil-kamp ta' liġi penali.*

***U l-għaliex dan jseħħ, ossia fejn ma għandekx pooling of soverignty fil-kamp penali u dak tat-taxxa?***

*Dan jseħħ proprju għaliex dawn iż-żewg materji huma ekwivalenti għad-dritt ta' kull stat membru li huwa stat sovran. L-Unjoni Ewropea hija grupp ta' pajjiżi sovrana li jaħdmu pari passu ma' xulxin. L-Unjoni Ewropea ma hijiex l-Istati Uniti tal-Amerika u/jew il-Commonwealth of Australia.*

*Mingħajr mar-rikorrenti estradant juri spavalderija fil-ħsieb, mingħajr ma' l-estradant jinsulta l-intelliġenza u l-għerf legali ta' dina l-Onorabbli Qorti, l-estradant kif ippattroċinat iħoss li jkun qiegħed jonqos mir-rispett tiegħu lejn il-Qorti jekk ma jfakkarx fi prinċipji bażilari tal-liġi li jiġu mgħallma fl-ewwel semester tal-ewwel (1) sena tal-kors tal-liġi.*

*Kienu bosta l-letturi fi ħdan l-Universita' ta' Malta li għallmu l-materja magħrufa bl-isem limitations by territory u filwaqt li jiġu msemmijin kollha kemm huma, l-estradant ser jirreferi u jibbaża l-argumentazzjoni tiegħu kollha a bażi ta' dak li* ***l-Professur Mamo għallem u kiteb fin-noti tiegħu dwar il-liġi kriminali ta' pajjiżna, liema noti kienu, għadhom u jibqgħu l-uniku test awtorevoli dwar il-prinċipji ġenerali li fuqhom jissawwar id-dritt penali nostran.***

*Il-Professur Mamo, f'paġna 35 tan-noti tiegħu jisħaqq billi jfakkar mill-ewwel (1) Battuta fir-regola ġenerali ossia 'extra territorium jus dicenti impune non paretur'.*

*Tradott liberament jfisser illi kull reat li jseħħ ġewwa t-territorju tal-Istat huwa dmir u obbligu kemm legali kif ukoll morali u materjali illi il-Prosekuzzjoni isseħħ f'pajjiżu. Ma hemmx dubju li għandek numru ta' eċċezzjonijiet għal din ir-regola ġenerali, liema pero eċċezzjonijiet "however do not effect essentially the general principle that Criminal Law: is territorial in its nature and its application".*

*L-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju kriminali insibuha, bħalma tgħid il-Prosekuzzjoni fin-nota tagħha, fl-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali, kemm fil-forma oriġinali tiegħu tal-1854 u anke fil-forma tiegħu hekk kif emendat f'dawn l-aħħar 150 sena.*

*Ma hemmx għalfejn ir-rikorrenti estradant jiddelunga aktar fuq dan il-punt tenut kont illi il-partijiet fuq dan il-punt biss qegħdin jaqblu kif supra-indikat.*

*Minn qari tas-sub-inċiżi tad-Deċiżjoni Kwadru, Malta għandha* ***mhux biss*** *ġurisdizzjoni fuq l-appellant estradant għaliex huwa ċittadin Malti (kif erronjement indikat mil-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fin-nota tagħha su riferita),* ***iżda b'mod partikolari u bis-saħħa tal-fatt li l-allegat aġir tal-appellant estradant seħħ f'Malta****.*

*B'hekk l-esponenti jikkontendi li r-raġunar legali adoperat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fl-appell numru 320/2021 hekk kif enunċjat fil-paragrafi 53 et seq, hija bl-akbar umli rispett żbaljata.*

*Dana stante li hija kkampata b'mod żbaljat mal-fatt li l-aġir attribwit lir-rikorrenti estradant huwa wieħed ta' ġurisdizzjoni extra-territorjali għal Malta.*

*Dan ma huwiex il-każ jekk il-parti disposittiva tal-MAE sejra titwemmen.* ***Dan għaliex l-MAE jisħaqq li l-aġir tal-appellant estradant seħħ f'Malta.***

***Ir-rikorrenti jikkontendi wkoll, a kuntrarju ta' dak sottomess mill-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti, li l-ġurisdizzjoni li għandha Malta sabiex tixli hi lill-appellant estradant, ma huwiex wieħed residwali iżda wieħed primarju.***

***Il-kunċett ta' ġurisdizzjoni residwali huwa prinċipju li ma jsibx konfort fil-liġi nostrana applikabbli għal każ odjern.*** *Il-prinċipju ġenerali ubi lex voluit, dixit jsib sostenn kemm fil-liġi nostrana u kif ukoll fil-United Nations Convention Against Illicti Traffic in Narcotic Drugs and Psychotropic Substances tas-sena 1988.*

*It-tnejn li huma jitkellmu b'mod ċar fuq u meta pajjiż għandu jkollu ġurisdizzjoni. Fil-każ odjern, ġia la darba l-allegat reat attribwit lill-esponenti:*

***i.*** *allegatament seħħ f'Malta; u*
***ii.*** *minn persuna Maltija; u*
***iii.*** *li jammonta għal ksur tal-liġi nostrana – kif ammess mill-Prosekuzzjoni stess quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti –* ***mela allura ma huwiex każ aktar ta' ġurisdizzjoni residwali iżda ta' ġurisdizzjoni primarja.***

*Il-Prosekuzzjoni quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti saħqet, u s-sentenza appellata jidher li kkondividiet tali raġunar, li minħabba li l-evidenza tinstab fl-Italja, Malta kapaċi jkollha problemi sabiex tinġieb l-evidenza f'Malta.*

*Bir-rispett dan huwa kollu kontra l-ispirtu ta' dawn l-istess proċedurali. Jekk verament nemmnu fil-MAE, wieħed għandu jdur għad-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali, liema mezz japplika għal każ odjern.*

***Jekk mill-banda l-oħra tali mezz ma jkunx possibbli, x'hemm x'jostor milli dawn ix-xhieda jinġiebu jixhdu fiżikament jew tramite il-mezz tal-video conference procedure?***

*B'hekk, billi minn naħa l-waħda l-element ta' ġurisdizzjoni extra-territorjali ravviżat fl-artikolu 59(4) tal-L.S. 276.05 ma jeżistix u di piu r-rikorrenti estradant jista' legalment jiġi mixli hawn Malta stante li Malta għandha ġuridizzjoni biex tagħmel dan, ir-rikorrenti jikkontendi li fil-każ odjern jissussistu l-impedimenti ravviżati fl-artikolu 4(2) u (7)(a)(b) tad-Deċiżjoni*

*Kwadru u kwindi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tirrifjuta li teżegwixxi l-MAE de quo.*

***L-argument tal-esponenti ossia li meta Malta għandha ġurisdizzjoni, r-reat ma huwiex wieħed ta' estradizzjoni, iżda jkun wieħed ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta li tieħu preċedenza fuq il-MAE, temergi b'mod ċar ukoll min qari a contrario sensu tal-artikoli 59(2)(a)(4A)(a)(5)(a) tal-L.S. 276.0510.***

***Pero` aktar joħroġ b'mod ċar dan il-ħsieb meta wieħed jaqra u jifhem meta u fejn Malta tista` u għandha l-vires sabiex hija toħroġ Mandat taħt it-Taqsima III ossia permezz tal-artikolu 68 tal-L.S. 276.05***

***(iii) Talba għal Referenza Preliminari ai termini tal-Artikolu 5 tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta***

***Jisħaq ir-rikorrenti li dawn ir-raġunijiet kollha huma validi biżżejjed sabiex ssir referenza lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropeja ai termini tal-artikolu 267 tat-Trattat tal-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-korrispondenti artikolu 5(1) tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tali Qorti tikkjarifika jekk in linea ma' dak dispost fl-artikolu 3(2) tal-Kap. 460 tal-Liġijiet ta' Malta, l-impedimenti għall-estradizzjoni kontemplati fl-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 (2002/584/JHA) għandhomx isibu applikazzjoni fil-każ li l-korrispondenti qafas ġuridiku nostran ikun sajjem mill-istess impedimenti ta' estradizzjoni.***

*Dan wkoll in linea mal-prinċipji enunċjati fis-sentenza tal-Prim' Awla Qorti Ċivili, tal-4 ta' Novembru 2019, fl-ismijiet ta' Marion Pace Axiaq et vs l-Onor. Prim Ministru u l-Onor Ministru tal-Ġustizzja li tittratta l-kriterji ta' meta għandha ssir referenza preliminari – fejn ġie enunċjat li l-fatt li jinħoloq dubju huwa biżżejjed sabiex tintalab Referenza Preliminari.*

***IT-TIELET AGGRAVJU***

***Dwar l-allegat ksur tad-Dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja (Artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem)***

*Illi kif ġie ritenut fl-aggravji preċidenti, l-għan tad-Deċiżjoni Kwadru huwa li joħloq mekkaniżmu sabiex tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet kriminali u, b'mod partikolari, jittejjeb ir-rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji bejn l-Istati Membri pero` fl-istess nifs u bl-istess saħħa l-ebda mekkaniżmu f'din id-Deċiżjoni Kwadru ma għandha timpinġi fuq id-drittijiet fundamentali tal-akkużat.*

*Fis-sentenza mogħtija mill-Ogħla Stanza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-kawża fl-ismijiet 'AFFAIRE PIROZZI v. BELGIQUE'11, il-Qorti saħqet:*

*[…]*

*62. À cet égard, la Cour a rappelé que lorsque les autorités internes mettent en œuvre le droit de l'UE sans disposer d'un pouvoir d'appréciation, la présomption de protection équivalente établie dans l'arrêt Bosphorus Hava Yolları Turizm ve Ticaret Anonim Şirketi c. Irlande [GC] (no 45036/98, CEDH 2005-VI) et développée dans l' arrêt Michaud c. France (no 12323/11, CEDH 2012) s'applique. Tel est le cas lorsque les mécanismes de reconnaissance mutuelle obligent le juge à présumer le respect suffisant des droits fondamentaux par un autre État membre. Ainsi que le prévoit la décision-cadre relative au MAE, le juge national se verrait alors privé de son pouvoir d'appréciation, ce qui entraînerait une application automatique de la présomption d'équivalence (Avotiņš, précité, § 115). Toutefois, cette présomption peut être renversée dans le cadre d'une affaire donnée (Bosphorus, précité, § 456, et Michaud, précité, § 103). Même si elle entend tenir compte, dans un esprit de complémentarité, du mode de fonctionnement des dispositifs de reconnaissance mutuelle et notamment de leur objectif d'efficacité,* ***la Cour doit vérifier que le principe de reconnaissance mutuelle n'est pas appliqué de manière automatique et mécanique, au détriment des droits fondamentaux*** *(Avotiņš, précité, § 116).*

*63. Dans cet esprit, lorsque les juridictions des États qui sont à la fois parties à la Convention et membres de l'UE sont appelées à appliquer un mécanisme de reconnaissancemutuelle établi par le droit de l'UE, telle que celui prévu pour l'exécution d'un MAE décerné par un autre État européen, c'est en l'absence de toute insuffisance manifeste des droits protégés par la Convention qu'elles donnent à ce mécanisme son plein effet (idem, § 116).*

***64. En revanche, s'il leur est soumis un grief sérieux et étayé dans le cadre duquel il est allégué que l'on se trouve en présence d'une insuffisance manifeste de protection d'un droit garanti par la Convention et que le droit de l'UE ne permet pas de remédier à cette insuffisance, elles ne peuvent renoncer à examiner ce grief au seul motif qu'elles appliquent le droit de l'UE (idem, § 116). Il leur appartient dans ce cas de lire et d'appliquer les règles du droit de l'UE en conformité avec la Convention.***

*Dan ifisser illi l-prinċipju tal-'mutual recognition' m'għandux jiġi applikat b'mod mekkaniku u awtomatiku. Wieħed għandu jikkunsidra jekk l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju tatix lok għal impediment tar-rispett tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.*

*Għalhekk, ir-rikorrenti jsostni li meta l-leġiżlatur Malti naqas milli jgħati l-opportunita' lill-Qrati Maltin li jeżaminaw u jikkunsidraw l-possibilita' li r-rikorrenti jiġi mixli f'Malta stess abbażi tal-argument tal-ġurisdizzjoni allura d-drittijiet tar-rikorrenti kienu mittifsa ab intio.*

*In oltre, il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Attard (deċiża fid-9 ta' Diċembru 2021), applikat il-mekkaniżmu tal-mutual recognition b'mod mekkaniku u awtomatiku – mingħajr ma kkunsidrat d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti Paul Attard.*

*Ir-rispett tal-ħajja tal-Familja huwa dritt protett mill-Artikolu 32ċ tal-kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Dan id-dritt tant huwa importanti fil-ħajja ta kull bniedem li l-protezzjoni u r-rispett lejn il-ħajja tal-familja jirraffigura f'diversi provviżjonijiet fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*L-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tiggarantixxi id-dritt li kull persuna għanda l-jedd li tiżżewweġ u li jkollha familja:*

> *L-irġiel u n-nisa ta' eta' ta żwieġ għandhom id-dritt li jiżżewġu u li jkollhom familja, skont il-liġijiet nazzjonali li jirregolaw l-eżerċizzju ta' dan id-dritt.*

*Mill-banda l-oħra l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jistabbilixxi li kulħadd għandu d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu, ta' daru u tal-korrispondenza tiegħu. Fil-prinċipju, l-istess Artikolu, jipprojbixxi indħil minn awtorita' pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt, ħlief f'ċerti sitwazzjonijiet stipulati fis-sub-artikolu 2 tal-artikolu 8:*

> ***Ma għandux ikun hemm indħil minn awtorita' pubblika dwar l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief dak li jkun skont il-liġi** u li jkun meħtieġ f'soċjeta' demokratika fl-interess tas-sigurta' nazzjonali, sigurta' pubblika jew il-ġid ekonomiku tal-pajjiż, biex jiġi evitat id-diżordni jew l-għemil ta' delitti, għall-protezzjoni tas-saħħa jew tal-morali, jew għall-protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor.* ***(enfasi tal-esponent)***

*Tant huwa importanti id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja, illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) kemm-il darba ippronunċjat ruħha anke f'każijiet li jirrigwardaw persuni li qegħdin jiskontaw piena karċerarja: Ostrovar v Moldova, (App. 35207/03), 13 September 2005; Boyle and Rice v. United Kingdom, (App. 9659/82 and 9658/82), 27 April 1988.*

*Illi dawn il-każijiet trattaw ilmenti dwar id-dritt ta' viżitazzjonijiet mill-ulied tal-istess priġunieri. F'Boyle and Rice v. United Kingdom, il-QEDB saħqet li:*

> *"When assessing the obligations imposed on the Contracting Parties by Article 8 in relation to prison visits, regard must be had to the ordinary and reasonable requirements of imprisonment and to the*

*resultant degree of discretion which the national authorities must be allowed in regulating a prisoner's contact with his family."*

*Illi fil-każ bl-ismijiet Piechowicz v Poland, (App. 20071/07), 17 April 2012, il-QEDB kienet qalet li l-irwol tal-awtoritajiet sabiex jassistu lil persuna detenuta żżomm kuntatt mal-familja tagħha huwa essenzjali sabiex id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja ta' dik il-persuna jkun salvagwardjat. In fatti, il-QEDB, qalet li rifjut li jkun hemm kuntatt bejn id-detenut u l-mara tiegħu (minkejja li kienet ukoll akkużata mal-istess detenut) għal iktar minn sentejn ma kienx neċessarju f'soċjeta' demokratika. Il-QEDB saħqet ukoll li 'blanket refusals' ta' permessi ta' viżitazzjoni għal perjodu ta' disa' xhur u sussegwentement għal xahrejn, sabiex it-tifel jkun jista' jara lil missieru (detenut), ġew dikjarati bħala eċċessivi u mhux ġustifikati taħt l-Artikolu 8(2).*

*Bl-istess mod, li jkollok awtorita' li tiċħad a priori l-għotja ta' 'compassionate leave' sabiex priġunier jkun jista' jattendi l-funeral ta' missieru jew inkella li priġunier jiġi impedit milli jmur jara lil bintu li tkun qiegħda l-isptar b'ġrieħi serji jew li priġunier ma jirċevix risposta f'waqtha jew f'ħin adegwat għat-talba tiegħu sabiex jkun jista' jattendi l-funeral ta' bintu b'ilbies normali, il-QEDB ippronunċjat li dawn l-episodji kisru d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja (Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem).*

***Dan kollu kif japplika għal każ de quo?***

***Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs. Paul Attard (9 ta' Diċembru 2021), ċaħdet it-talba tar-rikorrenti sabiex minflok jiġi estradit lejn l-Italja jaffaċċja proċeduri kriminali f'Malta.***

*Ir-rikorrenti huwa ċittadin Malti, b'residenza permanenti f'Malta u jirrisjedi flimkien mal-familja tiegħu f'Malta. Ir-rikorrenti m'għandu l-ebda konnessjoni mal-Italja.*

*Illi għalhekk, bis-sentenza tad-9 ta' Diċembru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali,* ***a priori ċaħdet id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja tar-rikorrenti Paul Attard****, meta ċaħdet it-talbiet sussidjari (i) u (iii) u mingħajr ma tat ebda raġuni għal tali ċaħda meta wieħed jqis li l-prosekuzzjoni kienet qablet ma' tali talbiet:*

> ***(i) "Jiġi applikat a favur tiegħu l-artikolu 28A tal-L.S. 276.05 stante u fid-dawl tal-proċeduri penali oħra fil-konfront tiegħu hawn Malta pendenti attwalment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (per Mag. Dr I. Farruġia) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. R. Stivala) vs Paul Attard";*** *u*
>
> ***(ii) Kif ukoll tordna li l-estradizzjoni tal-esponenti qiegħda ssir bil-kondizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soġġetta dejjem għal-"law of speciality" ossija in konnessjoni mar-reat***

***addebitat lilu fil-MAE li a bażi tiegħu saru dawn il-proċeduri, u msemmi fir-regolament 18 tal-L.S. 276.05; u***

***(iii) Kif ukoll li jiġi applikat a favur tiegħu dak li jiddisponi l-artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, kemm pendente lite matul il-proċeduri penali ġewwa l-Italja, kif ukoll sabiex fl-eventwalita' ta' dikjarazzjoni ta' ħtija tal-esponenti in segwitu għal proċeduri penali kontrih fl-Italja, f'liema proċeduri huwa jkun ġie mogħti piena ta' priġunerija effettiva, li, l-istess appellant jkun ritornat lil Malta sabiex huwa jservi f'Malta l-piena fuqu mposta." (enfasi tal-esponenti)***

*Illi dan ifisser li r-rikorrenti Paul Attard ser jkun qiegħed jaffaċċja proċeduri kriminali u potenzjalment piena karċerarja f'pajjiz ieħor (l-Italja) li mhux ir-residenza domiċilarji tiegħu u in oltre mhijiex ir-residenza tal-familja tiegħu – in fatti ir-rikorrenti mgħandu l-ebda konnessjoni mal-Italja;*

*Illi agħar minn hekk, l-awtoritajiet tal-Olanda, li kellhom id-dritt ta' ġurisdizzjoni fuq il-bastiment li kellu l-bandiera Olandiża u li ġie investigat mill-Guardia di Finanza ta' Catania, f'ibħra internazzjonali,* ***QATT*** *ma ċediet formalment lill-awtoritajiet Taljani l-ġurisdizzjoni li seta' kellha fuq il-persuna ta' Paul Attard. Illi għalhekk ir-rikorrenti qiegħed jitlob, lil dina l-Onorabbli Qorti, sabiex tagħmel talba għall-informazzjoni supplimentari ai termini tal-Artikolu 13A tal-L.S. 276.05 tal-Liġijiet ta' Malta, għal dan il-għan;*

*Fil-mument li dina l-Qorti li ser jkolli tali prova ser jmerġi kif il-vjolazzjoni tad-dritt hawn invokat sejra turi kif l-estradizzjoni tar-rikkorrent ser iġġarraf b'mod mill-iktar lampanti tad-dritt hawn vantat stante illi l-Qrati Taljani ma ġewx mogħtija il-poter ai fini ta' pproċessar penalment tal-esponenti.*

*Illi din is-sitwazzjoni ser ġġib saram u problemi finanzjarji fuq il-familja tar-rikorrenti u r-rikorrenti nnifsu sabiex l-istess familjari jkunu jistgħu jżuruh l-Italja. Apparti minn hekk l-fatt li l-familja tar-rikorrenti tirrisjedi f'Malta jfisser illi mhux ser jkun possibbli li jżuru u jieħdu ħsieb lir-rikorrenti bl-istess frekwenza illi kieku Paul Attard jiġi mixli f'Malta u fl-eventwalita' ta' piena jiskonta l-piena karċerarja fil-faċilita' Korrettiva ta' Malta stess.*

*Illi minflok l-Qorti tal-Appell Kriminali (fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Attard, tad-9 ta' Diċembru 2021, Appell Nru. 417/2021) ħadet in konsiderazzjoni id-dritt sagrosant għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja tar-rikorrenti w iddeċidiet li l-proċeduri kriminali kontra Paul Attard jsiru ġewwa f'Malta sabiex jkun viċin tal-familja tiegħu - l-istess Qorti iddeċidiet li Paul Attard għandu jkun separat mill-familja tiegħu u jittreġġa' lura lejn l-Italja biex jaffaċċja proċeduri kriminali hemmhekk u fl-eventwalita' ta' sejbien ta' ħtija Paul Attard jkollu jiskonta l-piena karċerarja ġewwa l-Itajla.* ***Ġo pajjiż illi r-rikorrenti m'għandu l-ebda konnessjoni u wisq aktar qraba u familjari.***

***Dan kollu, il-Qorti tal-Appell Kriminali, għamlitu fid-dawl tal-fatt li l-Avukat Ġenerali ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet sussidjarji (i) sa (iii)***

***tar-rikorrenti (riprodotti hawn fuq f'dan l-aggravju), tant li f'dan is-sens, l-Avukat Ġenerali, fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021, permezz ta' verbal tal-istess seduta fl-atti tal-Appell Kriminali u kkonferma li ma jsib l-ebda oġġezzjoni għat-talbiet sussidjari tar-rikorrenti.***

*Kif diġa' ġie spjegat din is-sitwazzjoni ser iġġib diffikultajiet loġistiċi u finanzjarji fuq il-familja ta' Paul Attard sabiex jkunu jistgħu jżommu kuntatt u jgawdu mid-dritt tagħhom għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja kif ritenut fl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.*

*L-awtorita' li għandha l-obbligu legali u morali li tissalvagwardja u tħares, li, d-drittijiet tal-bniedem ma jkunux mittiefsa, kienet, bir-rispett, hija stess li, fl-umli fehma tal-esponenti estradant, id-drittijiet tiegħu ramiethom 'il barra mit-tieqa, u l-ironija hija li filwaqt li l-Qorti tal-Appell Kriminali (fid-9 ta' Diċembru 2021) kienet qiegħda tonqos id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja ta' Paul Attard, fl-istess ħin id-Dinja kienet qiegħda tiċċelebra, bħalma tagħmel kull sena, ix-xahar dedikat għad-drittijiet umani.*

***IR-RABA' AGGRAVJU***

***Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 21 (non-diskriminazzjoni) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem***

***Illi l-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jisħaq:***

> *"1. Kull diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza, il-kulur, l-oriġini etnika jew soċjali, il-karatteristiċi ġenetiċi, il-lingwa, ir-reliġjon jew it-twemmin, l-opinjoni politika jew xi opinjoni oħra, l-appartenenza għal minoranza nazzjonali, il-proprjetà, it-twelid, id-diżabbiltà, l-età, jew l-orjentazzjoni sesswali għandha tkun projbita.*
>
> ***2. Fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati u mingħajr preġudizzju għal kull dispożizzjoni speċifika tagħhom, kull diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità hi pprojbita**." (enfasi tal-esponenti)*

*Illi l-**artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** jisħaq:*

> ***"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assigurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma** s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, **oriġini nazzjonali** jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status ieħor."*

*Illi ir-rikorrenti jikkontendi li minħabba dak li ddeċidiet il-Qorti tal-Appell Kriminali (fl-ismijiet Il-Pulizija vs Paul Attard, tad-9 ta' Diċembru 2021, Appell Nru. 417/2021), kif spjegat fl-aggravju preċedenti, fejn ġie allegat il-ksur tad-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja, stante li ma ġiex*

*applikat l-bars of extradition (ċioe il-prinċipju ta territorjalita') taħt l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru, għalhekk, ir-rikorrenti jħossu diskriminat abbażi tal-fatt li huwa ċittadin Malti.*

*Illi ċ-ċittadini Ewropej li huma ta' nazzjonalita' ta' Stat Membru ieħor jistgħu faċilment jirrikorru għal bars of extradition li hemm maħsuba taħt l-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru u għalhekk il-proċeduri kriminali u fl-eventwalita' ta sejbien ta' ħtija jkunu jistgħu jaffaċċjaw proċeduri u jiskontaw l-piena ġewwa pajjiżhom. Dan a kuntrajru ta' ċittadin ta' Nazzjonalita' Maltija.*

*Illi ċittadin Malti huwa ab inito diġa impedut milli jagħmel rikors għal użu ta' waħda mill-bars of extradition msemmija fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru u dan għaliex il-L.S. 276.05 ma tathiex din l-opportunita` u minflok il-Qrati Maltin ħadu l-opportunita' sabiex jirrimedjaw dan l-iżball mil-leġislatur u ħadu ħsieb li jipproteġu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kienu huma stess li komplew inawru u jkissru fid-drittijiet tar-rikorrenti.*

*Għalhekk, ir-rikorrenti jisħaq li qiegħda issir diskriminazzjoni, skond id-dettami tal-Artikoli 21 (non-diskriminazzjoni) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, peress illi d-dritt tiegħu għal privatezza u r-rispett tal-familja qiegħed jiġi mittiefes għas-sempliċi raġuni li huwa ta' nazzjonalita' Maltija.*

***Il-Ħames AGGRAVJU***

***Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 47 (Id-Dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem***

*Fil-ġranet ta' llum, huwa fatt stabbilit illi kemm persuni legali u naturali għandhom id-dritt illi jibbenifikaw minn smiegħ xieraq quddiem tribunal imparzjali u indipendenti kif issalvagwardjat bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem u l- Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

*Ir-rikorrent estradant jemmen illi l-mod ta' kif tmexxew il-proċeduri quddiem l-Onorabbli Qrati ta` ġurisdizzjoni kriminali, ikkawżaw il-ksur tad-dritt tar-rikorrent għal smiegħ xieraq kif garantit bl-istrumenti legali internazzjonali u kif ukoll bil-Kostituzzjoni ta' Malta.*

***(i) Mankanza tar-'Rule of Disclosure' illi:***

*Jemerġi li fil-kors tal-investigazzjoni kondotta mill-awtoritajiet Taljani tramite European Investigation Order (EIO), ġewwa Malta, nhar il-5 ta' Marzu 2019 sar l-interrogatorju tar-rikorrenti estradant waqt li huwa kien jinsab f'Malta;*

*L-istess statement tar-rikorrenti jagħmel parti mill-MAE;*

*Waqt l-istess interrogazzjoni da parti tal-awtoritajiet Taljani, l-istess awtoritajiet naqsu milli jinfurmaw lir-rikorrenti bil-jeddiet tiegħu li jemerġu mill-Artikolu 534AF tal-Kodiċi Kriminali, il-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Għalhekk, ir-rikorrenti qiegħed jitlob sabiex dan l-istess 'statement' jiġi dikjarat null u bla effett u dan għaliex filwaqt li t-talba kienet waħda Taljana għal ġbir ta' tali evidenza, madanakollu fl-eżekuzzjoni tal-istess EIO, tapplika l-lex fori ta' fejn tkun ser tinġabar l-evidenza neċessarja;*

***(ii) Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tat-28 t'Ottubru 2021 fl-ismijiet il-Pulizija vs Paul Attard – applikat il-liġi b'mod erroneju***

*Il-Qorti tal-Maġistrati, bħala Qorti Rimandanti, fis-sentenza tagħha tal-4 t'Ottubru 2021, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs Paul Attard, il-Qorti iddikjarat illi:*

> ***"ir-reat imsemmi fil-MAE mhux wieħed ta' Estradizzjoni u ai termini tal-Artikolu 12(3) tal-Ordni, tordna l-ħelsien tal-estradant Paul Attard."***

*Filwaqt illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha ta' 28 t'Ottubru 2021, fl-ismijiet premessi, il-Qorti rrevokat id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati tal-4 ta' Ottubru 2021 u ddikjarat li reat msemmi fil-MAE jikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni, u fid-dawl ta' din l-istess dikjrazzjoni u ordni, l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali bagħtet l-Atti ta' dan il-proċess lura lill-Qorti tal-Maġistrati Malta (bħala Qorti Rimandanti) sabiex tkompli bis-smiegħ tal-estradizzjoni.*

*Illi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ta' 28 t'Ottubru 2021, fl-umli opinjoni tar-rikorrenti, hija żbaljata u erroneja u dan għaliex min-naħa l-waħda l-element ta' ġurisdizzjoni extra-territorjali ravviżat fl-artikolu 59(4) tal-L.S. 276.05 ma jeżistix u di piu r-rikorrenti estradant jista' legalment jiġi mixli hawn Malta stante li Malta għandha ġuridizzjoni biex tagħmel dan kemm ai termini tal-artikolu 5 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll ai termini tal-artikolu 22(1)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*B'hekk ir-rikorrenti jikkontendi li fil-każ odjern jissussistu l-impedimenti ravviżati fl-artikolu 4(2) u (7)(a)(b) tad-Deċiżjoni Kwadru u kwindi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tirrifjuta li teżegwixxi l-MAE de quo.*

*L-argument tar-rikorrenti, ossia li meta Malta għandha ġurisdizzjoni, ir-reat ma huwiex wieħed ta' estradizzjoni, iżda jkun wieħed ta' eżerċizzju ta' ġurisdizzjoni territorjali ta' Malta li tieħu preċedenza fuq il-MAE, temerġi b'mod ċar ukoll minn qari a contrario sensu tal-artikoli 59(2)(a)(4A)(a)(5)(a) tal-L.S. 276.0517.*

*Dan il-ħsieb joħroġ b'mod aktar ċar meta wieħed jaqra u jifhem meta u fejn Malta tista` u għandha l-vires sabiex hija toħroġ Mandat taħt it-Taqsima III ossia permezz tal-artikolu 68 tal-L.S. 276.05.*

***(iii) Qorti tal-Appell Kriminal fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet Il-pulizija (Spettur Mark Galea) vs Paul Attard (Appell Nru: 417/2021), illi:***

*Ir-rikorrenti fl-Appell tiegħu b'mod sussidjarju talab li:*

*"(i) jigi applikat a favur tiegħu l-artikolu 28A tal-L.S. 276.05 stante u fid-dawl tal-proċeduri penali oħra fil-konfront tiegħu hawn Malta pendenti attwalment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali [per Maġ. Dr. I. Farrugia] fl-ismijiet "Il-Pulizija [Spt. R. Stivala] v. Paul Attard"; u*

*[...]*

*(iii) kif ukoll li jiġi applikat a favur tiegħu dak li jiddisponi l-artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, kemm pendente lite matul il-proċeduri penali ġewwa l-Italja, kif ukoll sabiex fl-eventwalita` ta' dikjarazzjoni ta' ħtija tal-esponenti in segwitu għal-proċeduri penali kontrieh fl-Italja, f'liema proċeduri huwa jkun ġie mogħti piena ta' priġunerija effettiva, li, l-istess appellant jkun ritornat lil Malta sabiex huwa jservi f'Malta l-piena fuqu mposta."*

*Nonostante, li l-Avukat Ġenerali ma sab l-ebda oġġezzjoni għat-tali talbiet sussidjarji tar-rikorrenti - tant li l-istess Avukat Ġenerali, f'dan is-sens għamel verbal, fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2021 – il-Qorti tal-Appell xorta waħda ċaħdet it-tali talbiet sussidjarji.*

*Il-għalfejn seħħ l-aġir addottat da parti tal-Onorabbli Qorti Kriminali, mhuwiex magħruf u dan stante illi l-imsemmija Onorabbli Qorti ma pprovdiet l-ebda raġuni li a bażi tagħha ċaħdet dawn iż-żewġ talbiet sussidjarji daqstant important, li kienu l-uniku mezz legali u prattiku sabiex ikun grantit li fl-ebda stadju tal-proċess penali Taljan [jekk ir-rikorrenti estradant jintbagħat u anke wara jekk jintbagħat u jinstab ħati] ma jkun ta' ksur għad-dritt tar-rikorrenti estradant u tal-membri tal-familja u dan b'mod speċjali in vista tad-dritt sagrosant tagħhom tal-familja u t-tgawdija tal-istess u l-privatezza tagħhom ilkoll.*

*Dan l-aġir da parti tal-Qorti tal-Appell Kriminali jġib miegħu l-ksur tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

*IS-SITT AGGRAVJU*

***Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 4 (il-projbizzjoni tat-tortura jew tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; tal-Artikolu 2 u 3 tal-Konvenzjoni***

***Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.***

*Illi* ***l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea*** *jisħaq:*

> *"Ħadd m'għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti."*

*Illi l-***Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*** *jisħaq:*

> *"Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

*Illi r-rikorrenti jisħaq li jekk huwa jittreġġa' lejn l-Italja, kif ser jiġi ppruvat pendete lite f'din il-kawża, huwa ser ikun soġġett għal trattament inuman u degradanti fil-ħabsijiet Taljani, bi ksur tad-drittijiet ben stabbiliti taħt l-Artikolu 33 u 36, Artikolu 4, Artikolu 2 u 3 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, rispettivament.*

***Dwar l-allegat ksur tal-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.***

*Id-dritt tal-ħajja, li huwa protett taħt l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, huwa meqjus bħala dritt funamentali. Flimkien mal-applikazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, dawn id-drittijiet meħuda flimkien, jħaddnu d-definizzjoni ta' soċjetajiet demokratiċi fi ħdan l-Kunsill tal-Ewropa (Giuliani and Gaggio v. Italy [GC], § 174, 24th March 2011, Application no. 23458/02);*

*Illi kull soċjeta' demokratika għandha żewġ obbligi importanti:*

*(i) L-obbligu ġenerali li jipproteġu d-dritt tal-ħajja; u*
*(ii) Projbizzjoni tad-deprivazzjoni tal-ħajja;*

*In oltre, l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni jistabbilixxi obbligu proċedurali li l-Istat u l-Awtoritajiet tiegħu għandhom jinvestigaw b'mod effettiv allegat ksur ta' drittijiet sustantivi.*

*L-Istat għandu responsabbilita' diretta għal ħarsien tal-benessere tal-persuni li jkun deprivati mill-liberta' – meta persuni li jkunu fil-kustodja tal-Istat jmutu b'riżultat ta' problemi mediċi jew minħabba inċidenti ta' aggressjoni, l-Istat għandu joffri spjegazzjoni raġġonevoli rigwardanti l-kawża tal-mewt u t-trattament li ġie amministrat lil dik il-persuna konċernata.*

*Fil-Każ '***Slimani vs France'20*** *deċiż mill-Qorti Ewropej tad-Drittijiet tal-Bniedem (27 ta' Ottubru, 2004) il-QEDB saħqet:*

> *"27. The Court reiterates that the first sentence of Article 2 enjoins the Contracting States not only to refrain from the taking of life "intentionally" or by the "use of force" disproportionate to the legitimate aims referred to in sub-paragraphs (a) to (c) of the second paragraph of that provision, but also to take appropriate steps to safeguard the lives of those within its jurisdiction (see, inter alia, L.C.B. v. the United Kingdom, judgment of 9 June 1998, Reports of Judgments and Decisions 1998-III, § 36, and Keenan v. the United Kingdom, no. 27229/95, § 89, ECHR 2001-III)."*

***Dwar allegat ksur tal-Artilolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem***

*Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jistipola illi: "Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal trattament jew piena inumana jew degradanti."*

*Konsegwentament, ir-rikorrenti qiegħed jagħmel referenza għal kawża bl-ismijiet '**Kalashnikov vs Russia'21** deċiża mill-QEDB fil-15 t'Ottubru 2002 fejn l-applikant ilmenta dwar l-overcrowding u l-kundizzjonijiet sanitarji fil-ħabsijiet Russi. Il-QEDB innutat:*

> *95. The Court recalls that, Article 3 of the Convention enshrines one of the most fundamental values of democratic society. It prohibits in absolute terms torture or inhuman or degrading treatment or punishment, irrespective of the circumstances and the victim's behaviour (see, for example, Labita v. Italy [GC], no 26772/95, § 119, ECHR 2000-IV).*
>
> *…*
>
> *The Court has considered treatment to be "inhuman" because, inter alia, is was premeditated, was applied for hours at a stretch and caused either actual bodily injury or intense physical and mental suffering. It has deemed treatment to be "degrading" because it was such as to arouse in the victims feeling of fear, anguish and inferiority capable of humiliating and debasing them (see, for example, Kudla v. Poland [GC], no. 30210/96, § 92, ECHR 2000-XI). In considering whether a particular form of treatment is "degrading" within the meaning of Article 3, the Court will have regard to whether its object is to humiliate and debase the person concerned and whether, as far as the consequences are concerned, it adversely affected his or her personality in a manner incompatible with Article 3 (see, for example, the Raninen v. Finland judgment of 16 December 1997, Reports of Judgments and Decisions, 1997-VIII, pp. 2821-22, § 55).*
>
> *Nevertheless, under this provision the State must ensure that a person is detained in conditions which are compatible with respect for his human dignity, that the manner and method of the execution of the measure do not subject him to distress or hardship of an intensity*

*exceeding the unavoidable level of suffering inherent in detention and that, given the practical demands of imprisonment, his health and well-being are adequately secured (see Kudla v. Poland cited above, §§ 92-94).*

*It considers that the conditions of detention, which the applicant had to endure for approximately 4 years and 10 months, must have caused him considerable mental suffering, diminishing his human dignity and arousing in him such feelings as to cause humiliation and debasement.*

*102. In the light of the above, the Court finds the applicant's conditions of detention, in particular the severely overcrowded and insanitary environment and its detrimental effect on the applicant's health and well-being, combined with the length of the period during which the applicant was detained in such conditions, amounted to degrading treatment.*

*103. Accordingly, there has been a violation of Article 3 of the Convention".*

***Huwa fatt li jekk Paul Attard (ir-rikorrenti estradant) jittreġġa' lura lejn l-Italja, dan ser jinżamm f'wieħed mill-ħabsijiet fl-Italja kemm pendente lite kif ukoll ai fini ta' skontar tal-piena, stante ċ-ċaħda tat-talbiet sussidjarji (i) u (iii) tal-appell tar-rikorrenti estradant mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali.***

*Kif ser jiġi muri skond l-evidenza li ser tiġi sottomessa mir-rikorrenti pendente lite f'din il-kawża huwa ben risaput li l-ħabsijiet fl-Italja huma fi stat ta' kriżi hekk kif inhu deskritt f'rapporti tal-Amnesty International.*

***It-Talba***

*Għaldaqstant ir-rikorrent bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

*1. Tilqa' t-talba tar-rikorrenti minnu mressqa fl-ewwel aggravju tiegħu fis-sens illi l-artkolu 16 tal-Kap.276 tal-Liġijiet ta' Malta jikser d-Dritt Ewropew stante li ma jagħtix lok għall-applikazzjoni tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*2. Tilqa' t-talba tiegħu fit-tieni aggravju sabiex issir Referenza Preliminari taħt l-Artikolu 5 tal-Kap 460 tal-Liġijiet ta' Malta u sabiex b'hekk timxi skond id-dettami u twegiba li tintbat mil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea;*

*3. Tiddikjara li l-proċedimenti ta' estradizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ma irrispettawx id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u l-familja tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 32 (ċ) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikou 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*4. Tilqa' wkoll it-talba tiegħu minnu mressqa fit-tielet aggravju tiegħu fis-sens illi dina l-Onorabbli Qorti tordna għal informazzjoni supplimentari mill-awtoritajiet Taljani ai termini tal-Artikolu 13A tal-L.S. 276.05 tal-Liġijiet ta' Malta u dan sabiex jiġi kkonfermat jekk l-Awtoritajiet Olandiżi għamlux ċediment tal-ġurisdizzjoni fuq l-imsemmi rikorrenti;*

*5. Tiddikjara li l-proċedimenti ta' estradizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ma rrispettawx id-dritt għan-non diskriminazzjoni kif sanċiti l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikou 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*6. Tiddikjara li l-proċedimenti ta' estradizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ma rrispettawx id-dritt għar-rimedju effettiv u għal proċess imparzjali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikou 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*7. Tiddikjara li l-proċedimenti ta' estradizzjoni fil-konfront tar-rikorrent ma' rrispettawx id-dritt għal protezzjoni kontra il-projbizzjoni tat-tortura jew tal-pieni jew trattamenti inumani jew degradanti tar-rikorrenti kif sanċiti fl-Artikolu 33 u 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-Artikolu 2 u 3 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u l-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;*

*8. Sabiex wara li tilqa` t-talbiet su esposti kollha jew uhud minnhom, tgħaddi sabiex minħabba li l-akkuża miġjuba kontra l-esponenti ma hijiex magħmula in bona fide fl-interess tal-ġustizzja, u stante li meta jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ de quo, huwa inġust jew oppressiv li l-esponenti jiġi mreġġa' lura, tordna li l-esponenti jigi meħlus u li ma jintbgħatx lejn l-Italja.*

*9. Fl-eventwalita` biss, li t-talbiet supra indikati jkun miċħuda in toto sabiex dina l-Onorabbli Qorti tordna u tikkonferma li:*

*(i) Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-L.S. 276.05, stante li l-esponenti għandu proċeduri penali oħra pendenti fil-konfront tiegħu hawn Malta attwalment quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (per Maġ. Dr I. Farruġia) fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spt. R. Stivala) vs Paul Attard, huwa jintbagħat biss lura lejn l-Italja ġaladarba tali proċess jkun ġie reż ġudikata.*

*(ii) Tikkonferma t-talba sussidjarja tar-rikorrenti* ***kif diġa' milqugħa*** *mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Diċembru 2021, u tordna li l-estradizzjoni tal-esponenti qiegħda ssir bil-kondizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradant lejn l-Italja tkun soġġetta dejjem għal-"law of speciality" ossija in konnessjoni mar-reat addebitat lilu fil-MAE li a bażi tiegħu saru dawn il-proċeduri, u msemmi fir-regolament 18 tal-L.S. 276.05.*

*(iii) Tilqa' t-talba sussidjari tar-rikorrenti sabiex jiġi applikat a favur tiegħu dak li jiddisponi l-artikolu 5(3) tad-Deċiżjoni Kwadru, li kemm*

*pendente lite matul il-proċeduri penali ġewwa l-Italja, kif ukoll sabiex fl-eventwalita' ta' dikjarazzjoni ta' ħtija tal-esponenti in segwitu għal proċeduri penali kontrih fl-Italja, f'liema proċeduri huwa jkun ġie mogħti piena ta' priġunerija effettiva, li, l-istess appellant jkun ritornat lil Malta sabiex huwa jservi f'Malta l-piena fuqu imposta.*

*9. Tagħti dawk il-provvedimnti kollha li hija tħoss neċessarji sabiex jiġu salvagwardjati d-drittijiet funamentali tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fl-10 ta' Jannar 2022, l-intimati Avukat Ġenerali, Avukat tal-Istat u Kummissarju tal-Pulizija laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiża:

   1. *Illi din il-kawża kostituzzjonali tirrigwardja diversi aggravji li qajjem ir-rikorrent b`rabta mal-proċeduri ta` estradizzjoni fl-ismijiet* ***Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs. Paul Attard*** *li ġew deċiżi definittivament b`sentenza datata 9 ta` Diċembru 2021 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.* *F`dik is-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali kkonfermat u ordnat: it-treġġiegħ tal-estradant qua rikorrent lejn l-Italja kif mitlub mill-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani skont il-Mandat ta` Arrest Ewropew u ż-żamma ta' l-estradant taħt kustodja sakemm huwa jitreġġa' lura lejn l-Italja;*

   2. *Illi l-esponenti qegħdin tramite din ir-risposta jirrispinġu l-allegazzjonijiet tar-rikorrent u l-pretensjonijiet marbutin magħhom stante li dawn huma għal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt;*

   3. *Illi ibda biex, jiġi eċċepit li l-proċeduri ta` estradizzjoni intemmu u huma konsiderati bħala res judicata. Għalhekk permezz tal-kawża odjerna* ***<u>ir-rikorrent ma jistax jerġa' jiftaħ il-mertu tal-estradizzjoni tiegħu</u>****. Kif ser jiġi muri fil-kors tas-smigħ ta` din il-kawża, il-Qrati Maltin ta' ġurisdizzjoni kriminali esprimew ruħhom dwar l-estradizzjoni tar-rikorrent. Għalhekk l-mertu dwar jekk ir-rikorrent għandux jiġi estradit lejn l-Italja jew le huwa għal kollox eżawriet proprju għaliex l-ordni tal-Qorti għat-treġġiegħ lura tar-rikorrent lejn l-Italja huwa wieħed finali.*

   4. *Illi għalhekk bid-dovut rispett, l-esponenti jeċċepixxu illi dina l-Onorabbli Qorti għandha tillimita ruħha sabiex tara u tiddeċiedi biss jekk hemmx ksur tal-jeddijiet fondamentali invokati mir-rikorrent fir-rikors promotur u tiddeklina milli tagħmilha ukoll ta` Qorti ta` Appell, jew tat-Tielet jew tar-Raba` Istanza dwar il-proċeduri ta` estradizzjoni;*

   5. *Kif ġie ritenut diversi drabi fil-ġurisprudenza nostrana, din l-Onorabbli Qorti kif adita m'hijiex Qorti ta' reviżjoni u dan peress li m'hijiex il-funzjoni tagħha li tiddeċiedi jekk Qrati oħra ddeċidewx il-kawżi sew jew le, iżda biss jekk tali proċeduri u deċiżjonijiet jivvjolawx id-drittijiet fundamentali tal-individwu;*

   6. *Illi l-esponenti jeċepixxu wkoll n-nuqqas ta' applikabbilita' tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan*

*peress li fil-kuntest ta' konsenja ta' persuna ai termini ta' Mandat ta' Arrest Ewropew, ma tiġi determinata l-ebda akkuża kriminali in konfront tal-persuna konċernata;*

***Dwar l-Ewwel Aggravju***

7. *Illi safejn ir-rikorrent qiegħed jattakka l-Artikolu 16 tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta u l-allegata "mankanza palesi għar-referenza tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Eworpea fl-imsemmi artikolu" [16 tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta], l-esponenti jeċċepixxu illi dan l-ilment mqajjem fl-ewwel aggravju huwa għal kollox infondat fid-dritt Ewropew, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

(i) *Fl-ewwel lok, kuntrarjament għal dak li qiegħed jimplika r-rikorrent, il-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-UE hija applikabbli biss safejn l-Istati Membri qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni Ewropea. Id-dispożizzjonijiet ma jistipulawx drittijiet awtonomi jew 'stand-alone' bl-applikazzjoni indipendenti tagħhom stess. Il-dispożizzjonijiet tal-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-UE japplikaw f'dan il-kuntest partikolari biss safejn id-Deċiżjoni Qafas tal-EAW tkun qedgħa tiġi implimentata, u mhux għal proċeduri ta' estradizzjoni. Dan ifisser illi l-Karta tad-Drittijiet ma tapplikax b'mod ġenerali u awtonomu fl-Istati Membri, iżda jrid ikun hemm* **konnessjoni** *fondamentali bejn il-liġi domestika kontestata u xi provvediment tad-Dritt tal-Unjoni Ewropea li dik il-liġi domestika kkontestata, tkun qiegħda timplimenta. Dan il-prinċipju huwa rifless fl-* **Artikolu 51 tal-Karta**, *ċitat mir-rikorrent stess, u huwa ben assodat ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea illi tenniet kemm-il darba illi:*

*"... għandu jitfakkar li l-osservanza tal-Karta hija imposta, kif jirriżulta mill-Artikolu 51(1) tagħha, fuq l-Istati Membri u, konsegwentement fuq il-qrati tagħhom, meta dawn jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni,* ***li huwa l-każ meta l-awtorità ġudizzjarja emittenti u l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni japplikaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Deċiżjoni Qafas 2002/584*** *(sentenza tal-1 ta' Ġunju 2016, Bob-Dogi, C-241/15, EU:C:2016:385, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan għandu jkun il-każ ukoll meta l-kwistjoni tkun tirrigwarda l-effettività tal-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jiġi eżerċitat, b'mod dirett jew inċidentali, fir-rigward tad-deċiżjonijiet dwar il-mandat ta' arrest Ewropew". (Ara Kawża* ***C-414/20 PPU MM****, para. 71)*

(ii) *Il-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta jirregola l-proċedimenti ta' estradizzjoni b'mod ġenerali. Il-leġislazzjoni speċifika li tittrasponi d-Deċiżjoni Qafas tal-EAW hija l-Liġi Sussidjarja 276.05. Għalhekk l-esponenti jeċċepixxu illi kwalunkwe referenza għal Karta tal-UE fl-Att Prinċipali tkun superwfluwa;*

(iii) *Fi kwalunkwe każ, id-Deċiżjoni Qafas ma tirrikjedix lill-Istati Membri biex jinfurmaw lil persuna li dwarha jinħareġ Mandat bid-drittijiet tagħha a tenur tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Eworpea. Skond l-artikolu 11 (1) tad-Deċiżjoni Kwadru, l-awtorita' ġudizzjarja eżekuttiva*

*hija fid-dover biss li tinforma lill-persuna bil-Mandat t'Arrest Ewropew u bil-kontenut tiegħu, u li tgħidilha li tista' jekk trid tagħti l-kunsens tagħha sabiex tirrimetti ruħha lill-Istat li ħareġ il-Mandat t'Arrest Ewropew:*

*"Meta persuna rikjesta tiġi arrestata, l-**awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni kompetenti għandha, skond il-liġi nazzjonali tagħha, tinforma lil dik il-persuna bil-mandat ta' arrest Ewropew u bil-kontenut tiegħu, u wkoll bil-possibilita' li tagħti l-kunsens għall-konsenja lill-awtorita' ġudizzjarja emittenti".***

*(iv) Il-ħsieb wara l-artikolu 16 tal-Kap. 276 tal-Liġijiet ta' Malta huwa essenzjalment biex jinforma lill-persuna li qiegħda fil-kustodja tal-Pulizija li għandha d-dritt tressaq ilmenti ta' natura kostituzzjonali a bażi tad-drittijiet fundamentali hekk kif minquxa fil-Kostituzzjoni ta' Malta u fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali. <u>Il-Kostituzzjoni ma tipprevedi l-ebda dritt t'azzjoni fuq il-bażi tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea</u>; u fi kwalunkwe każ, azzjoni msejsa fuq il-provvedimenti tal-Karta ma tkunx ammissibli sakemm ma tkunx marbuta ma' l-implimentazzjoni ta' provvediment sostantiv tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, kif spjegat fil-punt (i) sovrastanti (ara wkoll f'dan is-sens per eż* ***Raymond Caruana vs L-Avukat Generali*** *(16/2011 JRM deċiża 28/02/2013);*

*Għaldaqstant, l-esponenti bir-rispett jisħqu illi l-ewwel aggravju huwa frivolu u vessatorju u m'għandux jintlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti;*

***<u>Dwar it-Tieni Aggravju</u>***

8. *Illi fit-tieni aggravu r-rikorrent qiegħed jilmenta mill-fatt illi "l-Qorti tal-Appell Kriminali ċaħdet it-talba mir-rikorrent estradant sabiex il-Qorti tordna li ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għaliex ma rriżultawx il-kundizzjonijiet taħt l-artikolu 5(1) tal-Kap 460. tal-Liġijiet ta' Malta";*

9. *Illi jidher li r-rikorrent qiegħed jilmenta wkoll mill-implimentazzjoni allegatament inkompleta mill-Istat Malti tal-EAW Framework Decision [Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri]. L-esponenti jeċċepixxu illi din il-lanjanza hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt għaliex hija msejsa fuq interpretazzjoni skorretta tar-rikorrent tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru msemmija u tal-ġurisprudenza konċernanti l-istess;*

10. *Illi, kuntrarjament għal dak li qiegħed jallega r-rikorrent, l-Istat Malti ma kienx marbut jew rikjest biex jimplimenta r-raġunijiet kollha għan-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' Mandat t'Arrest Ewropew kif elenkati fl-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru fil-liġi nazzjonali, iżda <u>kellu l-għażla li jimplimenta biss xi wħud jew saħansitra l-ebda waħda minn dawn ir-raġunijiet</u>. B'hekk, il-qrati nazzjonali huma preklużi milli jieħdu konjizzjoni ta' eċċezzjonijiet*

*mibnija fuq xi waħda minn dawn ir-raġunijiet illi ma tkunx ġiet trasposta fil-liġi nazzjonali;*

11. *Illi dan l-intendiment ġie kkonfermat riċentament mill-QĠUE f'sentenza mogħtija fid-29 t'April 2021 fil-kawża* ***C-665/20 PPU X****, fejn il-Qorti tal-Ġustizzja rriteniet is-segwenti:*

*"41. As regards the grounds for optional non-execution listed in Article 4 of the Framework Decision,* ***it is clear from the case-law of the Court that, when transposing the Framework Decision, the Member States have a margin of discretion. Therefore, they are free to transpose those grounds into their domestic law or not to do so.*** *They may also choose to limit the situations in which the executing judicial authority may refuse to execute a European arrest warrant, thereby facilitating the surrender of requested persons, in accordance with the principle of mutual recognition set out in Article 1(2) of that Framework Decision (see, to that effect, judgment of 6 October 2009, Wolzenburg, C-123/08, EU:C:2009:616, paragraphs 58, 59 and 61)."*

12. *Illi għalhekk l-argument tar-rikorrent fil-paġna għaxra (10) tar-rikors promotur, li allegatament persuna mfittxija u mitluba minn Stat Esteru hija ntitolata li tinvoka kwalunkwe "bar" jew impediment għall-estradizzjoni anke jekk ma jkunx ikkontemplat mid-dritt nazzjonali, huwa erronju għall-aħħar. Ir-rikorrent qiegħed jibbaża ruħu direttament fuq id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni Qafas nnifisha u huwa kjarament skorett u kontradett mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża suċċitata fl-osservazzjonijiet segwenti:*

*"62 In that regard, it should be recalled, first, that* ***since the Framework Decision does not have direct effect, a court of a Member State is not required, solely on the basis of EU law, to disapply a provision of its national law which is contrary to the Framework Decision*** *(see, to that effect, judgment of 24 June 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, paragraph 71 and the case-law cited).*

*63 Second, while the binding character of a framework decision places on national authorities an obligation to interpret national law, to the greatest extent possible, in the light of the text and the purpose of the framework decision in order to achieve the result sought by that decision,* ***the principle of conforming interpretation cannot serve as the basis for an interpretation of national law contra legem*** *(see, to that effect, judgement of 24 June 2019, Popławski, C-573/17, EU:C:2019:530, paragraphs 72, 73 and 76 and the case-law cited). … …*

*67 In the light of all the foregoing considerations, the answer to the first question is that Article 4(5) of the Framework Decision must be interpreted as meaning that,* ***where a Member State chooses to transpose that provision into its domestic law****, the executing judicial authority must have a margin of discretion in order to determine whether or not it is appropriate to refuse*

*to execute a European arrest warrant on the ground referred to in that provision."*

13. *Illi wkoll fil-kawża* ***C-579/15 Poplawski*** *(ċitata mir-rikorrent a fol. 12 tar-rikors promotur) il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ddeċidiet -*

    *"68 As confirmed by the case-law recalled in paragraphs 64 to 67 above,* ***a national court's obligation to disapply a provision of its national law which is contrary to a provision of EU law, if it stems from the primacy afforded to the latter provision, <u>is nevertheless dependent on the direct effect of that provision in the dispute pending before that court. Therefore, a national court is not required, solely on the basis of EU law, to disapply a provision of its national law which is contrary to a provision of EU law if the latter provision does not have direct effect.</u>***

    *69 It should be stated, in the second place, that* ***neither Framework Decision 2002/584 nor Framework Decision 2008/909 has direct effect****. That is because those framework decisions were adopted on the basis of the former third pillar of the European Union, in particular, under Article 34(2)(b) EU. That provision stated, first, that framework decisions are binding on the Member States as to the result to be achieved, but leave to the national authorities the choice of form and methods, and, second, that framework decisions are not to entail direct effect (judgments of 8 November 2016, Ognyanov, C-554/14, EU:C:2016:835, paragraph 56, and of 29 June 2017, Popławski, C-579/15, EU:C:2017:503, paragraph 26) …*

    *71* ***Since those framework decisions do not have direct effect under the EU Treaty itself, it follows from paragraph 68 above that a court of a Member State is not required, solely on the basis of EU law, to disapply a provision of its national law which is contrary to those framework decisions****".*

14. *Illi jsegwi għalhekk li l-interpretazzjoni tar-rikorrent rigward s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-Kawża* ***C-579/15 Poplawski*** *u fil-Kawża* ***C-123/08 Wolzenburg*** *hija evidentament żbaljata. Di piu' r-rikorrent injora għal kollox l-****aktar deċiżjoni riċenti*** *mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża* ***C-665/20 PPU X,*** *ċitata mill-esponenti iktar 'il fuq f'din ir-risposta, liema deċiżjoni tikkontradixxi l-argumenti tar-rikorrenti u xxejjen għal kollox it-talbiet kollha tiegħu marbuta ma' u msejsa fuq l-artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas;*

15. *Illi dwar it-talba tar-rikorrent għal referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-esponenti jeċċepixxu illi din it-talba għandha tiġi wkoll miċħuda, u dan għar-raġunijiet segwenti:*

16. *Illi l-Artikolu 267 tat-TFUE illi jirregola tali proċedura jipprovdi:*

    *"Il-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea għandha jkollha l-kompetenza li tagħti sentenzi preliminari dwar:*

*a) l-interpretazzjoni tat-Trattati;*

*b) il-validità u l-interpretazzjoni ta' l-atti ta' l-istituzzjonijiet, korpi jew organi ta' l-Unjoni;*

*Meta l-kwistjoni titqajjem quddiem xi qorti jew tribunal ta' xi Stat Membru, dik il-Qorti jew tribunal **jistgħu**, jekk ikun jidhrilhom li deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni tkun meħtieġa sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza, jitolbu lill-Qorti sabiex tagħti deċiżjoni dwarha.*

*Meta l-kwistjoni titqajjem f'każ pendenti quddiem xi qorti jew tribunal ta' Stat Membru li kontra id-deċiżjonijiet tiegħu ma jkun hemm ebda rimedju ġudizzjarju taħt il-liġi nazzjonali, dik il-qorti jew dak it-tribunal, għandhom jirriferu l-kwistjoni lill-Qorti…" (Emfażi ta' l-esponenti).*

17. *Illi skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 tat-TFUE qorti nazzjonali ta' l-ewwel istanza qatt ma hija obbligata li tagħmel referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea, u dan b'kuntrast għas-sitwazzjoni ta' Qorti ta' l-aħħar istanza li hija rregolata bit-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 267 tat-TFUE. Dan dejjem "jekk ikun jidhrilhom li deċiżjoni fuq dik il-kwistjoni **tkun meħtieġa** sabiex ikunu jistgħu jagħtu s-sentenza";*

18. *Illi fi kwalunke każ – u ċjoé anke f'kuntest ta' qorti tal-appell – u anke minkejja li parti f'kawża illi tkun qed tiġi trattata quddiem qorti domestika ta' Stat Membru tkun esprimiet xewqa illi ssir referenza preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, tali referenza preliminari għandha ssir biss **jekk il-qorti nazzjonali tqis illi huwa meħtieġ li jsir hekk sabiex tkun tista' eventwalment tgħaddi għas-sentenza tagħha** fuq il-kawża li tinsab miġjuba quddiemha.*

*Skont il-ġurisprudenza stabblilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 267 tat-TFUE*

*"does not constitute a means of redress available to the parties to a case pending before a national court or tribunal. Therefore **the mere fact that a party contends that the dispute gives rise to a question concerning the interpretation of community law does not mean that the court or tribunal concerned is compelled to consider that a question has been raised within the meaning of Article [267]** …"*

19. *Illi b'hekk, fis-sentenza tagħha fil-Kawża **EKW v. Wein & Co** il-Qorti Ewropea ikkunsidrat illi:*

*"according to consistent case-law, **it is solely for the national court before which the dispute has been brought,** and which must assume responsibility for the subsequent judicial decision, **to determine in the light of the particular circumstances of the case both the need for a preliminary ruling in order to enable it to deliver judgment and the relevance of the questions which it submits to the Court** (see, inter alia, Case C-415/93 Union Royale*

*Belge des Sociétés de Football Association and Others v Bosman and Others [1995] ECR I-4921, paragraph 59). ...” (Enfażi tal-esponenti).*

20. *Illi f’dan il-kuntest, ta’ min wieħed jirreferi wkoll għar-* ***Rakkomandazzjonijiet lill-Qrati Nazzjonali dwar l-Introduzzjoni ta’ Talbiet għal Deċiżjoni Preliminari*** *(2019/C 380/01), ippubblikati mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE* **(hawn anness u mmarkat bħala Dok. A)**, *liema dokument għandu jservi bħala linji gwida għall-qrati nazzjonali, u li jipprovdi f’paragrafu 3 illi –*

*“Il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tagħti deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni jew dwar il-validita’ tad-dritt tal-Unjoni* ***tiddependi esklussivament mill-inizjattiva tal-qrati nazzjonali****, irrispettivament minn jekk il-partijiet fil-kawża prinċipali jkunux esprimew jew le x-xewqa li jsir rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Sa fejn hija l-Qorti nazzjonali, li quddiemha tkun tressqet il-kawża li jkollha tassumi r-responsabbilita’ għad-deċiżjoni ġudizzjarja li tkun għad trid tingħata,* ***hija fil-fatt din il-qorti – u hija biss – li għandha tevalwa*** *fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari ta’ kull kawża, kemm il-ħtieġa ta’ talba għal deċiżjoni preliminari sabiex tkun f’pożizzjoni li tagħti d-deċiżjoni tagħha u kemm ir-rilevanza tad-domandi li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja”. (Emfażi tal-esponenti).*

21. *Illi huwa ormai ben stabbilit ukoll fil-ġusriprudenza tal-QĠUE illi r-referenza preliminari* ***m’hijiex intiża sabiex il-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi hija stess il-kawża li tkun pendenti quddiem qorti domestika ta’ Stat Membru, iżda l-għan tagħha hija biss li tinterpreta l-liġi tal-Unjoni Ewropeja****;*

22. *F’dan ir-rigward, ir-Rakkomandazzjonijiet suċċitati jistipulaw f’paragrafu 8 –*

*“It-talba għal deċiżjoni preliminari għandha tikkonċerna l-interpretazzjoni jew il-validità tad-dritt tal-Unjoni,* ***u mhux l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet legali nazzjonali jew punti ta' fatt imqajjma fil-kuntest tat-tilwima fil-kawża prinċipali****”;*

23. *Illi r-Rakkomandazzjonijiet fil-paragrafu 6 jagħmlu wkoll referenza għad-duttrina ġudizzjarja hekk imsejjħa ta’ “acte clair” u dik ta’ “acte éclairé”, li huma ta’ rilevanza partikolari għall-kawża odjerna –*

*“Madankollu, meta kwistjoni titqajjem fil-kuntest ta’ kawża pendenti quddiem qorti li mid-deċiżjonijiet tagħha ma jkun hemm ebda appell taħt il-liġi nazzjonali, din il-qorti hija obbligata tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ara t-tielet paragrafu tal-Artikolu267 TFUE),* ***sakemm ma jkunx hemm diġà ġurisprudenza stabbilita fil-qasam inkwistjoni jew sakemm ma jkun hemm ebda dubju raġonevoli dwar l-interpretazzjoni korretta tad-dispożizzjoni legali inkwistjoni****.”*

***<u>Acte Clair u Acte Éclairé</u>***

24. *Illi d-duttrina ta' acte clair u dik relatata ma' acte éclairé huma ben assodati fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' l-Unjoni Ewropea. B'hekk, fis-sentenza* ***CILFIT*** *il-Qorti osservat illi f'każijiet meta 'the correct application of Community Law is so obvious as to leave no scope for any reasonable doubt as to the matter in which the question raised is to be resolved', il-qorti nazzjonali li quddiemha titqajjem il-kwistjoni – anke jekk din tkun qorti ta' l-aħħar istanza – m'għandha l-ebda obbligu li tirreferi tali kwistjoni lill-Qorti Ewropea.*

*F'dan ir-rigward ir-Rakkomandazzjonijiet suċitati jistipolaw ukoll illi:*

> *"5. Il-qrati tal-Istati Membri jistgħu jressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja domanda dwar l-interpretazzjoni jew dwar il-validità tad-dritt tal-Unjoni meta jqisu li deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt hija meħtieġa sabiex jagħtu d-deċiżjoni tagħhom (ara t-tieni paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE).* ***Rinviju għal deċiżjoni preliminari jista' jirriżulta partikolarment utli meta quddiem il-qorti nazzjonali titqajjem <u>kwistjoni ta' interpretazzjoni ġdida</u> li tkun ta' interess ġenerali għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt tal-Unjoni <u>jew meta l-ġurisprudenza eżistenti ma tkunx tidher li tipprovdi l-kjarezza meħtieġa f'kuntest legali jew fattwali ġdid</u>.*** *" (Emfażi tal-esponenti)*

25. *Illi għalhekk, jekk dina l-Onorabbli Qorti jirriżultalha illi l-interpretazzjoni korretta tar-regola in kwistjoni hija ċara ("acte clair"), jew inkella tqis illi hemm diġa' ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar dan il-punt ("acte éclairé"), tista' hija stess tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni korretta ta' liġi ta' l-Unjoni Ewropea u dwar l-applikazzjoni tagħha għall-fattispecie tal-każ li għandha quddiemha, u dan kif stabbilit fil-ġurisprudenza konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja illi ġiet imtennija l-iżjed riċentement fis-sentenza tal-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Ottubru 2021 fil-Kawża C-561/19* ***Consorzio Italian Management****:*

*"33 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, <u>qorti nazzjonali li d-deċiżjonijiet tagħha ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju taħt id-dritt nazzjonali tista' tinħeles minn dan l-obbligu biss meta tkun ikkonstatat li d-domanda mqajma ma hijiex rilevanti</u>* ***<u>jew li d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni inkwistjoni diġà ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja jew li l-interpretazzjoni korretta tad-dritt tal-Unjoni hija tant ovvja li ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli</u>*** *(ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit et, 283/81, EU:C:1982:335, punt 21; tal-15 ta' Settembru 2005, Intermodal Transports, C-495/03, EU:C:2005:552, punt 33, kif ukoll tal-4 ta' Ottubru 2018, Il-Kummissjoni vs Franza (Ħlas bil-quddiem tat-taxxa), C-416/17, EU:C:2018:811, punt 110).*

*34 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar, fl-ewwel lok, li mir-relazzjoni bejn it-tieni u t-tielet paragrafi tal-Artikolu 267 TFUE jirriżulta li l-qrati msemmija mit-tielet paragrafu* ***jgawdu mill-istess setgħa diskrezzjonali bħall-qrati nazzjonali kollha l-oħra f'dak li jirrigwarda l-punt dwar jekk hijiex neċessarja deċiżjoni fuq punt ta' liġi tal-Unjoni biex dawn ikunu jistgħu jagħtu d-deċiżjoni tagħhom.*** *Għalhekk, dawn il-qrati ma humiex marbuta li jirreferu domanda dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni mqajma quddiemhom jekk id-domanda ma tkunx rilevanti, jiġifieri fil-każijiet fejn ir-risposta għal din id-domanda, tkun xi tkun, ma jkun jista' jkollha ebda influwenza fuq is-soluzzjoni tat-tilwima (sentenzi tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit et, 283/81, EU:C:1982:335, punt 10; tat-18 ta' Lulju 2013, Consiglio Nazionale dei Geologi, C-136/12, EU:C:2013:489, punt 26, kif ukoll tal-15 ta' Marzu 2017, Aquino, C-3/16, EU:C:2017:209, punt 43).*

*35 Fil-fatt, fil-kuntest ta' proċedura prevista fl-Artikolu 267 TFUE, ibbażata fuq separazzjoni ċara tal-funzjonijiet bejn il-qrati nazzjonali u l-Qorti tal-Ġustizzja, hija biss il-qorti nazzjonali li għandha kompetenza sabiex tikkonstata u tevalwa l-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali kif ukoll biex tinterpreta u tapplika d-dritt nazzjonali. Bl-istess mod, hija biss il-qorti nazzjonali, li quddiemha titressaq it-tilwima u li għandha tassumi r-responsabbiltà għad-deċiżjoni ġudizzjarja sussegwenti, li għandha tevalwa, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kawża, kemm in-neċessità kif ukoll ir-rilevanza tad-domandi li hija tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja (sentenzi tas-26 ta' Mejju 2011, Stichting Natuur en Milieu et, C-165/09 sa C-167/09, EU:C:2011:348, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata; tad-9 ta' Settembru 2015, X u van Dijk, C-72/14 u C-197/14, EU:C:2015:564, punt 57; kif ukoll tat-12 ta' Mejju 2021, Altenrhein Luftfahrt, C-70/20, EU:C:2021:379, punt 25).*

*36 Fit-tieni lok, għandu jitfakkar li* ***l-awtorità tal-interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja taħt l-Artikolu 267 TFUE tista' tneħħi l-iskop tal-obbligu previst fit-tielet paragrafu tal-Artikolu 267 TFUE u b'hekk tneħħilu l-kontenut tiegħu, b'mod partikolari meta d-domanda mqajma tkun materjalment identika għal domanda li diġà kienet is-suġġett ta' deċiżjoni preliminari f'kawża analoga*** *jew, a fortiori, fil-kuntest tal-istess kawża nazzjonali****, jew meta ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja ssolvi l-punt ta' liġi inkwistjoni, irrispettivament min-natura tal-proċeduri li taw lok għal din il-ġurisprudenza, anki jekk il-kwistjonijiet fit-tilwima ma jkunux strettament identiċi*** *(ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Marzu 1963, Da Costa et, 28/62 sa 30/62, EU:C:1963:6, p. 75 u 76; tas-6 ta' Ottubru 1982, Cilfit et, 283/81, EU:C:1982:335, punti 13 kif ukoll 14; tal-4 ta' Novembru 1997, Parfums Christian Dior, C-337/95, EU:C:1997:517, punt 29; u tat-2 ta' April 2009, Pedro IV Servicios, C-260/07, EU:C:2009:215, punt 36)." (Emfażi tal-esponenti)*

26. *Illi fil-kawża odjerna, u kuntrarjament għal dak li qed jgħid ir-rikorrent, m'hemmx lok għal riferenza preliminari u dan peress illi hemm każistika ċara li titratta proprju dwar l-istess punt identiku ta' liġi, mqajjem mir-rikorrent – u ċjoé "jekk ... l-impedimenti għall-estradizzjoni kontemplati fl-*

*artikolu 4 tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 (2002/584/JHA) għandhomx isibu applikazzjoni fil-każ li l-korrispondenti qafas ġuridiku nostran ikun sajjem mill-istess impedimenti ta' estradizzjoni";*

27. *Illi dan il-punt ġie trattat u kjarifikat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tad-29 ta' April 2021 fil-Kawża* ***C-665/20 PPU X****, fejn irriteniet illi "Fir-rigward tar-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattivi elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li,* ***fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas, l-Istati Membri*** *għandhom marġni ta' diskrezzjoni. Għalhekk, dawn* ***huma liberi li jittrasponu jew le dawn il-motivi fid-dritt intern tagħhom****.." u kif ukoll illi "peress li* ***d-Deċiżjoni Qafas ma għandhiex effett dirett****, qorti ta' Stat Membru ma hijiex obbligata, abbażi biss tad-dritt tal-Unjoni, li twarrab l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha", u għaldaqstant dan il-punt jikkostitwixxi acte éclairé ai termini tal-ġurisprudenza stabbilita tal-istess Qorti Ewropea, kif ikkonfermata l-iżjed riċentement fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-561/19 Consorzio Italian Management suċitata;*

***Dwar it-Tielet Aggravju***

28. *Illi r-rikorrent qiegħed jallega li l-Qorti tal-Appell Kriminali fid-deċiżjoni tagħha dwar it-treġġija lura tiegħu lejn l-Italja naqset milli tikkunsidra l-jeddijiet tiegħu ai termini tal-****artikoli 8 u 12 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem*** *u ċjoe' d-dritt li persuna tiżżewweġ u l-jedd għal-ħajja privata u l-familja;*

29. *Illi l-esponenti jirrilevaw l-argumenti miġjuba mir-rikorrent f`dan l-aggravju diġa' ntsemgħu u nxtarru mill-Qrati penali fil-proċeduri ta` l-estradizzjoni. Kif ġie eċċepit preċedentement f`din ir-risposta, l-esponenti itennu li r-rikorrent qiegħed b`din il-kawża jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex: tidħol fil-mertu dwar l-estradizzjoni, tagħmel apprezzament mill-ġdid tal-argumenti esposti quddiem il-qrati penali u tagħmilha ta` Qorti tat-Tielet jew tar-Raba` Istanza;*

30. *Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali stess fid-decide tas-sentenza għarrfet lir-rikorrent li huwa jista' jitlob rimedju quddiem din l-Onorabbli Qorti pero'* ***limitatament*** *jekk jidhirlu li xi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 10(1)(2) tal-Kap 276 jew xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni jew tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġie miksur;*

31. *Illi kjarament m'huwiex il-kompitu ta' din l-Onorabbli Qorti li tistħarreġ mill-ġdid il-konklużjoni li waslet għaliha l-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex il-****kawża odjerna m`hijiex u m`għandiex tkun appell*** *mid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali mogħtija fid-9 ta` Diċembru 2021;*

32. *Illi bid-dovut rispett, il-kwistjonijiet li qajjem ir-rikorrent partikolarment dwar it-talbiet sussidjarji li ġew miċħuda mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-9 ta` Diċembru 2021 u kwistjonijiet oħra dwar il-*

*ġurisdizzjoni f'dan l-aggravju diġa` ġew dibattuti u deċiżi mill-Qrati penali. Illi m`għandhiex tkun din il-Qorti ta` ġurisdizzjoni kostituzzjonali li tiddeċiedi hi jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali kinitx korretta jew le fis-sentenza mogħtija;*

33. *Illi r-rikorrent qiegħed donnu jippretendi li l-proċeduri kriminali li għad irid jaffaċċja quddiem l-Istat Taljan ma jsirux sabiex b`hekk ma jkunx hemm l-allegat ksur tal-jeddijiet invokati minnu. L-esponenti jeċċepixxu illi bid-dovut rispett dan l-argument jew pretensjoni tar-rikorrent tfalli minn kull aspett.*

34. *Illi safejn r-rikorrent qiegħed jallega li l-Ordni tat-Treġġija lejn l-Italja jikser id-dritt fundamentali tiegħu għal ħajja privata u familja kif protteti taħt l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirreferu għas-sentenza tal-4 ta' Diċembru 2007 fil-kawża fl-ismijiet* **Dickson vs UK** *fejn il-Qorti ta' Strassburgu sostniet:*

*"The object of article 8 is essentially that of protecting the individual against* ***arbitrary*** *interference by the public authorities".*

*Għalhekk l-indħil minn awtorita' pubblika jista' jsir sakemm ma jkun wieħed arbitrarju. Jekk l-interferenza hija ġustifikata, u skond il-liġi, ma hemmx ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni;*

35. *Illi l-estradizzjoni tar-rikorrent lejn l-Italja hija ibbażata fuq deċiżjoni leġittima u finali tal-Qrati Maltin fuq rikjesta mill-awtoritajiet Taljani sabiex jiġi eżegwit Mandat ta` Arrest Ewropew maħruġ mill-istess awtoritajiet Taljani. Kif ser jiġi spjegat b`mod iktar dettaljat waqt is-smigħ u t-trattazzjoni ta` din il-kawża, l-investigazzjonijiet dwar dan il-każ ġew kondotti dejjem mill-investigaturi Taljani u l-ġabra tal-evidenza (fosthom 10 tunnellati droga) saret fiżikament fl-Italja. L-involviment tal-uffiċjali investigattivi Maltin seħħ biss tramite l-European Investigation Order li l-Pulizija Maltija rċeviet mill-Italja u li b`hekk kienet fid-dover li tassisti l-Pulizija Taljana. Għalhekk huwa nkonċepibbli anke għall-aħjar amministrazzjoni tal-ġustizzja, li l-proċeduri kriminali ma jsirux fl-Italja;*

36. *Illi għal kull bwon fini, mingħajr preġudizzju għal dak li għad irid jiġi deċiż mill-Istat Taljan, l-esponenti jgħidu li ma jsibu l-ebda oġġezzjoni li f`każ ta` sejbien ta` ħtija tar-rikorrent ġewwa l-Italja, l-istess rikorrent jiskonta l-piena karċerarja ġewwa Malta;*

37. *Illi l-każ jirrigwardja proċeduri ta` estradizzjoni tramite Mandat ta` Arrest Ewropew, u l-obbligu li Malta teżegwixxi l-Mandat ta` Arrest Ewropew huwa rikjest kemm mil-Liġi lokali (L.S. 276.05), kif ukoll mid-Deċiżjoni Kwadru applikabbli. L-Istat Malti huwa obbligat li jeżegwixxi Mandati ta` Arrest Ewropej, ħlief fil-każijiet fejn il-ligi speċifikatament ma tippermettix li mhux il-każ fis-sitwazzjoni odjerna. Iktar u iktar meta issa hemm pronunzjament definittiv mill-Qrati Maltin sabiex ir-rikorrent jiġi estradit. Għaldaqstant, f`dan l-isfond, it-treġġiegħ lura tar-rikorrent lejn l-Italja ma' jista' qatt jilledi jew ikun kontra l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni Ewropea;*

38. *Illi għalhekk dan l-aggravju għandu wkoll jiġi miċħud;*

***<u>Dwar ir-Raba` Aggravju</u>***

39. *Illi r-rikorrent qiegħed jallega ksur tal-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-UE u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Huwa essenzalment jirrepeti dak li qal fit-tieni aggravju f`dak li għandu x`jaqsam mal-bars to extradition li skont hu ma ġewx applikati mill-Qorti tal-Appell Kriminali;*

40. *Illi għal dak li jirrigwarda l-Artikolu 14, l-esponenti jissottomettu illi sabiex wieħed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid jipparaguna sitwazzjonijiet li huma oġġettivament bħal xulxin sabiex il-paragun isir fuq il-bażi ta' 'like with like'. Di piu', l-esponenti jissottomettu li mhux kull distinzjoni neċessarjament tammonta għal diskriminazzjoni fis-sens tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;*

41. *Illi kif ġie osservat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza fl-ismijiet* **Enrietta Bianchi et vs Avukat Generali et** *deċiża nhar l-24 ta' Ġunju 2011 :-*

*"mhux kull trattament divers iwassal għal diskriminazzjoni skont l-Artikolu 14 imsemmi iżda biex tigi ravviżata tali diskriminazzjoni dak it-trattament divers irid ikun motivat minn wieħed mill-istatus elenkati f'dak l-artikolu jew fuq xi ġeneru ta' status ieħor"***.**

42. *Illi l-esponenti jagħmlu referenza għas-sentenza fl-ismijiet* **Abdulaziz, Cabales and Balkandali -vs- the United Kngdom** *deċiża mill-Qorti Ewropeja nhar it-28 ta' Mejju 1985 fejn ġie ritenut illi:*

*"Article 14 complements the other substantive provisions of the Convention and the Protocols. It has no independent existence, since it has effect solely in relation to the 'enjoyment of rights and freedoms' safeguarded by those provisions. Although the application of Article 14 does not necessarily presuppose a breach of those provisions – and to this extent it is autonomous – there can be no room for its application unless the facts at issue fall within the ambit of one or more of the latter".*

43. *Illi r-rikorrent ma allega ebda diskriminazzjoni għal xi raġuni elenkata fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja hekk kif meħtieġ sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta' dan l-artikolu tal-Konvenzjoni;*

44. *Illi ladarba r-rikorrent fl-ebda ħin ma kwalifika taħt liema kawżali huwa qiegħed jallega li ġarrab it-trattament diskriminatorju, jsegwi li ma hemm l-ebda leżjoni tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u lanqas tal-artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamental tal-UE;*

***<u>Dwar il-Ħames Aggravju</u>***

45. *Illi dan l-aggravju jirrigwarda l-jedd għall-smigħ xieraq b`mod partikolari dwar ir-rule of disclosure u l-applikazzjoni tal-liġi allegatament ħażina minn naħa tal-Qorti tal-Appell Kriminali;*

46. *Illi l-Artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ċitat mir-rikorrent jipprovdi li 'kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi'. L-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja jmur oltre' meta jipprovdi li s-smigħ għandu jkun pubbliku u għandu jkun quddiem qorti jew tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf bil-liġi. L-esponenti jirrilevaw illi ma sar xejn matul il-proċess kriminali li b'xi mod seta' jinċidi fuq id-drittijiet tar-rikorrent, u ma jirriżulta minn imkien li b'xi mod ġiet mittiefsa xi waħda mill-protezzjonijiet mogħtija bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

47. *Illi f'dan ir-rigward jingħad ukoll li: (a) il-proċeduri kollha inżammu u ġew determinati minn qorti indipendenti u imparzjali; (b) ir-rikorrent għandu aċċess għall-qorti; (ċ) is-smigħ kollu sar fil-presenza tar-rikorrent; (d) il-partijiet ġew trattati b'mod ugwali mingħajr ebda vantaġġ proċedurali minn xi persuna fuq oħra; (e) ir-rikorrent ingħata l-opportunità kollha biex jiddefendi l-każ tiegħu mingħajr xkiel; (f) r-rikorrent dejjem kien megħjun mill-avukati tal-fiduċja tiegħu tul il-proċeduri; u (ġ) ir-rikorrent ingħata ż-żmien u l-faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tal-każ tiegħu;*

48. *Illi għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent huwa msejjes fuq l-allegat ksur tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta** u tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni** Ewropea, l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent ma ġarrabx preġudizzju fil-proċeduri tiegħu.*

49. *Illi dwar ir-rule of disclosure jiġi rilevat li l-proċess kriminali fil-konfront tar-rikorrent għadu ma bediex stante li dan ser jiġi ċċelebrat fl-Italja biss meta r-rikorrent jitreġġa' lura hemmhekk. Għalhekk ir-regola tad-disclosure fl-ambitu tal-proċeduri ta` estradizzjoni li saru f`Malta ma tapplikax. Malli r-rikorrent jitreġġa' lura l-Italja sabiex jaffaċċja l-akkużi hemm hekk, hu jista' jitlob d-disclosure tal-evidenza hekk kif inhuwa kkontemplat u permess mil-liġi Taljana;*

50. *Illi dwar l-istqarrija li r-rikorrent irrilaxxa meta kien Malta abbażi ta` European Investigation Order, l-esponenti jgħidu li din l-istqarrija ittieħdet pjenament skont il-liġi u żgur li m`hijiex nulla u dan kif ser jiġi spjegat f`iktar dettal waqt is-smigħ tal-kawża;*

51. *Illi r-rikorrent jallega li l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tat-28 t`Ottubru 2021 applikat il-liġi ħażina. L-esponenti jirrilevaw li s-sentenzi kollha li ingħataw fil-proċeduri ta` l-estradizzjoni inkluż dik tat-28 ta` Ottubru 2021 huma motivati u ben studjati u ma hemm xejn irraġjonevoli jew irregolari fihom. Jekk il-Qrati penali skartaw is-sottomissjonijiet tar-rikorrent dan ma sarx b`mod kappriċċjuż iżda għaliex qiesu li ma kellhomx jiġu milqugħa. Dwar dan l-aspett l-esponenti jagħmlu referenza għal dak li*

*diġa' ġie eċċepit preċedentement f`din ir-risposta fis-sens li dawn il-proċeduri kostituzzjonali m`għandhomx jintużaw biex jikkoreġu sentenzi li ingħataw minn Qrati oħra jew li jsir apprezzament mill-ġdid ta` dak li diġa` sar quddiem Qrati oħra;*

52. *Illi għalhekk ma hemm l-ebda ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

***Dwar is-Sitt Aggravju***

53. *Illi l-lanjanza tar-rikorrent hija li allegatament l-konsenja tiegħu lejn l-Italja sabiex jgħaddi proċess ġudizzjarju għar-reati msemmija fil-Mandat ta' Arrest Ewropew u possibilment li jinstab ħati u jintbagħat il-ħabs twassal għal ksur tad-drittijiet tiegħu ta' protezzjoni minn trattament inuman jew degradanti sanċiti permezz tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrent jallega wkoll li tali konsenja tiegħu lejn l-Italja u l-possibilita' li jintbagħat il-ħabs twassal għal ksur tad-dritt tiegħu għall-protezzjoni tal-ħajja sanċiti permezz tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 33 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*

54. *Illi l-esponenti jissottometti li dak li jipprospettaw dawn l-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali huwa r-rispett lejn il-ħajja u li per konsegwenza f'każ li jseħħ delitt l-Istat huwa obbligat li jikkonduċi investigazzjoni effettiva li tkun magħmula b'mod metikoluż u imparzjali u dan għal għan aħħari li jkun jista' jiġi identifikat min huwa responsabbli għad-delitt sabiex jirrispondi għal tali aġir quddiem il-qrati;*

55. *Illi għalhekk l-obbligu tal-Istat huwa li jfittex u jiġbor l-evidenza li tiċċirkonda l-inċident billi jiġu mitkellma x-xhieda okulari, tinġabar u tiġi analizzata evidenza forensika u kif ukoll li ssir l-awtopsja fuq il-vittma sabiex tiġi stabbilita r-raġuni preċiża tad-deċess;*

56. *Illi l-Qorti Ewropeja dejjem irriteniet li l-iStati Kontraenti għandhom l-obbligu li jikkoperaw ma' Stati oħra sabiex jiġu riżolti delitti u jekk tali kooperazzjoni ma seħħx hija n-nuqqas ta' kooperazzjoni li tesponi lil dak l-Istat li ma jkunx ikkopera għal vjolazzjoni tad-dritt protett permezz tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja;*

57. *Illi l-analiżi li trid issir abbażi tal-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja hija msejsa fuq żewġ binarji u ċioe' dik sostantiva u dik proċedurali. Illi dak li jrid jintwera mir-rikorrent huwa li l-liġi Taljana tipprovdi għall-piena tal-mewt għall-akkużi li għalihom inħareġ il-Mandat ta' Arrest Ewropew in konfront tar-rikorrent: xejn aktar u xejn inqas. Illi huwa fatt notorju li l-Italja ma timponix id-death penalty għall-ebda delitt kommess fuq it-territorju tagħha u li għalhekk f'dan il-kuntest ta' talba ta' treġġigħ lura lejn l-Italja qatt ma tista' taffigura vjolazzjoni tad-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja tar-rikorrent;*

58. *Illi, bir-rispett kollu, ir-rikorrent fir-rikors promotur tiegħu bl-ebda mod ma wera kif it-treġġigħ lura tiegħu lejn l-Italja ser jivvjola d-dritt għal protezzjoni tal-ħajja kif interpretat mill-Qrati nostrana u mill-Qorti Ewropeja fil-ġurisprudenza stabbilita minnhom;*

59. *Illi jsegwi għalhekk li dina l-lanjanza mhijiex mistħoqqa u għandha tiġi miċħuda;*

60. *Illi in kwantu r-rikorrent jallega ksur tad-drittijiet fundamentali protetti bl-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jissottometti li l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdu threshold għolja li trid tiġi sodisfatta sabiex jiġi konkluż li huwa inġust li persuna rikjesta minn awtorita' estera tiġi rimandata fl-Istat rikjedent. Illi bir-rispett kollu, fir-rikors promotur, għalkemm insibu ħafna allegazzjonijiet ma nsibu xejn sostanzjat li b'xi mod jista' jissodisfa t-threshold rikjest minn dawn l-artikoli konvenzjonali u kostituzzjonali iżda r-rikorrenti jistrieħ kompletament fuq rapport li r-rikorrenti jirreferi għalih barra mill-kuntest fejn jislet partijiet minnu b'mod l-aktar selettiv u li ma jirrispekkjax dak li fil-fatt hija s-sitwazzjoni reali;*

61. *Illi kemm l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni kif ukoll l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jipprovdu li sabiex tista' tinstab vjolazzjoni ta' dawn l-artikoli, ir-rikorrenti jkun qed jiffaċċja riskju reali u mhux mera possibilita'. Illi fil-kawża fl-ismijiet Vilvarajah and Others v. United Kingdom (1991) il-Qorti Ewropeja osservat illi "the decision by a Contracting State to extradite a fugitive may give rise to an issue under Article 3, and hence engage the responsibility of that State under the Convention, where substantial grounds have been shown for believing that the person concerned, if extradited, faces a real risk of being subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment in the requesting country". Il-każ ta' Vilvarajah kien jitratta persuni minn Sri Lanka li kienu jappartjenu għall-moviment Tamil u li kienu qegħdin jallegaw riskju ta' trattament ħażin in vjolazzjoni ta' l-Artikolu 3 da parti tal-Istat minħabba l-kunflitt li kien hemm bejn il-Gvern ta' Sri Lanka u t-Tamil liberation movement. F'dak il-każ, l-applikanti ma kinux ingħataw stat ta' ażil u ġew ritornati lejn Sri Lanka. Il-Qorti Ewropeja ma kinitx sabet vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u dan peress illi s-sitwazzjoni fi Sri Lanka kienet tjiebet u r-riskju li kien fadal ma kienx kunsidrat li kien suffiċjenti sabiex jistabilixxi vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni;*

62. *Illi fil-kawża fl-ismijiet R v. Denmark (1991), il-Kummissjoni wara li għamlet riferenza għall-rapporti magħmula minn Amnesty International, xorta waħda kkonkludiet li ma kienx jikkostitwixxi trattament inuman li ċittadin Iranjan jiġi deportat lejn l-Iran fuq il-bażi tas-sitwazzjoni ġenerali li kien hemm fil-pajjiż;*

63. *L-interpretazzjoni ta' 'trattament degredanti' mogħtija mill-Qorti Ewropeja hija fis-sens li dan it-trattament ikun intiż sabiex jumilja lill-*

*persuna (The Greek case – 1969). L-istess kien intqal fil-kawża fl-ismijiet Abdulaziz, Cabales and Balkandali v. UK – 1985;*

64. *Illi minn dawn il-pronunzjamenti jinżel biċ-ċar li r-rikorrenti mhuwiex ġustifikat fl-ilment tiegħu. Il-ħabsijiet tal-Italja bħal kull reġim karċerarju ieħor, iħaddan sistema ta' protezzjoni kemm għall-individwu per se kif ukoll għal kumplament tas-soċjeta' in ġenerali li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-obbligu tal-Istat. Il-fatt li f'ħabs, kif huwa xieraq, ikun hemm sistema ta' sigurta' bl-ebda mod ma jfisser li persuna tiġi assoġġettata għal trattament krudili jew inuman jew degredanti;*

65. *Illi kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża odjerna, il-ħabsijiet tal-Italja, liema Stat huwa Stat Membru tal-Unjoni Ewropeja kif ukoll fil-Kunsill Ewropew, iħaddan sistema karċerarja li tirrispetta l-garanziji li joffru l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;*

66. *Illi jsegwi għalhekk li l-lanjanzi kollha tar-rikorrent mhumiex mistħoqqa u għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent;*

67. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

3. Rat id-dokumentazzjoni ippreżentata mill-partijiet mal-atti fuq imsemmija.

4. Rat illi fil-21 ta' Diċembru 2021, ir-rikorrenti ntavola rikors fejn talab il-ħruġ ta' miżura provviżorja (interim measure) bl-effett li jiġi ordnat il-ħelsien mill-arrest tar-rikorrenti pendenti s-smigħ tal-kawża odjerna.

5. Rat illi r-rikors ġie appuntat għas-smigħ u fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2022 saret it-trattazzjoni finali.

6. Rat illi fl-20 ta' Jannar 2022 ingħatat sentenza fejn il-Qorti ċaħdet it-talba għall-ħruġ ta' miżura provviżorja.

7. Rat illi fl-24 ta' Jannar 2022 ir-rikorrenti ntavola rikors sabiex jingħata l-fakolta' illi jappella.

8. Rat illi b'digriet kamerali mogħti fit-3 ta' Marzu 2022 il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti.

9. Rat illi fit-3 ta' Frar 2022 ir-rikorrenti talab ir-rikuża tal-Imħallef sedenti ai termini tal-Artikolu 734 (1)(d)(i)(ii).

10. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2022 ir-rikorrenti ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu fuq ir-rikuża (l-oriġinali tinsab fol 39- 42 tal-proċess 801/2021/1) u kopja tinsab fol 645-648).

11. Rat illi fl-14 ta' Marzu 2022 l-intimati ppreżentaw n-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom fuq ir-rikuża mitluba mill-attur (fol 649-652 u 652A-652D).

12. Rat illi b'digriet datat 29 ta' Marzu 2022 il-Qorti ċaħdet it-talba tal-attur rigward ir-rikuża.

13. Rat ir-rikors ppreżentat mir-rikorrenti fis-16 ta' Frar 2023 u rat id-dokumentazzjoni anness miegħu fejn talab li jżid numru ta' talbiet.

14. Rat illi b'digriet datat 4 ta' Mejju 2023 il-Qorti laqgħet it-talba għat-talbiet addizzjonali, illi jitolbu dan li ġej:

    1. *Tiddikjara illi l-ordni ta' treġġiegħ tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ta' nhar is-17 ta' Novembru 2021, kif ikkonfermata fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) per Onor. Imħallef Giovanni Grixti, nhar id-9 ta' Diċembru 2021, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs. Paul Attard, ma fadlilha ebda skop stante li Tribunale Di Catania IlI Sezione Penale Rito Colegale, permezz tas-sentenza tagħha ta' nhar il-15 ta' Novembru 2022, saħaq li r-Repubblika Taljana m'għandha l-ebda ġurisdizzjoni fuq l-esponenti.*

    2. *Sussegwentament, tiddikjara li l-ordni ta' treġġiegħ tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ta' nhar is-17 ta' Novembru 2021, kif ikkonfermata fis-sentenza mgħotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) per Onor. Imħallef Giovanni Grixu, nhar id-9 ta' Diċembru 2021, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs. Paul Attard, hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tal-esponenti, b'mod partikolari d-dritt tal-liberta' u s-sigurta il huwa protett taħt l-Artikolu 43 u 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem rispettivament.*

    3. *Tordna ili l-ordni ta' treġġieg tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ta' nhar is-17 ta' Novembru 2021, kif ikkonfermata fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) per Onor. Imħallef Giovanni Grixti, nhar id-9 ta' Diċembru 2021, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs. Paul Attard, tiġi revokata.*

**Provi**

15. Rat in-nota tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ppreżentata fid-19 ta' Jannar 2022 fejn permezz tagħha ppreżenta kopja tal-atti tal-proċeduri kriminali fl-ismijiet *Il-Pulizija Spt. Mark Galea vs Paul Attard* (fol 60-638).

16. Rat in-nota ppreżentata mill-intimati fl-4 ta' Lulju 2022 u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 671-673).

17. Rat in-nota ppreżentata mir-rikorrenti fil-5 ta' Lulju 2022 u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 674-910).

18. Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Mejju 2023 il-Qorti qiset illi l-provi kollha ngħarbu u l-kawża tista' titħalla għas-sottomissjonijiet finali.

19. Rat illi fl-4 ta' Lulju 2023 ir-rikorrenti ntavola rikors fejn talab aktar żmien għall-preżentazzjoni tan-nota ta' osservazzjonijiet.

20. Rat illi s-seduta tas-6 ta' Lulju 2023 il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti bil-miktub.

21. Rat illi fil-15 ta' Novembru 2023 ir-rikorrenti ppreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (fol 949-960).

22. Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2023, il-kawża marret għas-sottomissjonijiet tal-intimati bil-miktub.

23. Rat illi fl-24 ta' Jannar 2024 l-intimati ppreżentaw in-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom (fol 962-970).

24. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Jannar 2024 il-kawża marret għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

25. Jirriżulta illi fil-konfront tar-rikorrenti kien inħareġ allert taħt is-sistema ta' informazzjoni ta' Schengen ai fini ta' treġġija lura lejn il-pajjiż rikjedenti u ċioe' r-Repubblika tal-Italja. In oltre, fis-7 ta' Ġunju 2019 kontra l-istess rikorrenti nħareġ ukoll Mandat ta' Arrest Ewropew mit-*Tribunale di Catania Del Giudice Per Le Indagini Preliminari.*

26. Jirriżulta illi l-Avukat Ġenerali ħareġ iċ-ċertifikati ai termini tal-Artikolu 6A u 7 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 276.05 u r-rikorrenti ġie mressaq taħt arrest ai fini ta' estradizzjoni u eventwali prosekuzzjoni lejn il-pajjiż rikjedenti.

27. Jirriżulta illi fl-4 ta' Ottubru 2021 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti) iddikjarat r-reat imsemmi fil-Mandat t'Arrest Ewropew bħala wieħed mhux ta' estradizzjoni u ai termini tal-Artikolu 12(3) tal-Ordni ordnat il-ħelsien tal-estradant Paul Attard.

28. Jirriżulta illi din is-sentenza ġiet appellata kemm mir-rikorrenti Paul Attard kif ukoll mill-Avukat Ġenerali.

29. Jirriżulta illi fit-28 ta' Ottubru 2021, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat żewġ sentenzi. F'waħda mis-sentenzi l-Qorti ddikjarat l-appell ta' Paul Attard bħala irritu u null u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tiegħu. Filwaqt illi permezz tas-sentenza l-oħra, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqgħet it-tieni parti tat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali, u għalhekk irrevokat id-deċiżjoni ta' ħelsien tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti u ddikjarat li r-reat imsemmi fil-Mandat ta' Arrest Ewropew jikkonstitwixxi reat ta' estradizzjoni u ordnat illi smiegħ tal-estradizzjoni jissokta u l-atti ntbagħtu lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti sabiex jitkompla s-smiegħ tal-estradizzjoni.

30. Jirriżulta illi permezz ta' sentenza mogħtija fis-17 ta' Novembru 2021 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejħa l-Qorti Rimandanti) il-Qorti ddeċidiet li ma teżisti ebda raġuni għall-impediment għall-estradizzjoni u ordnat illi l-estradant Paul Attard għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura tiegħu ġewwa l-Italja. In oltre, ai termini tar-Regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti nformat lill-estradant illi mhuwiex ser jiġi mreġġa' lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu

sebat ijiem mid-data ta' dik l-ordni ta' kustodja, illi għandu dritt jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali u li jekk jidhirlu illi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kap 276 ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura, li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja, huwa għandu jedd jitlob rimedju ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

31. Jirriżulta illi, minn din is-sentenza, ir-rikorrenti Paul Attard intavola appell, liema appell ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Diċembru 2021. Illi fis-sentenza tagħha l-Qorti ċaħdet l-appell tar-rikorrenti ordnat it-treġġiegħ tiegħu ġewwa l-Italja kif ukoll li għandu jinżamm taħt kustodja fi stennija għat-treġġiegħ lura tiegħu lejn l-Italja. In oltre, ai termini tar-Regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti nformat lill-estradant illi mhuwiex ser jiġi mreġġa' lura lejn l-Italja qabel ma jgħaddu sebat ijiem mid-data ta' dik l-ordni ta' kustodja u li jekk jidhirlu illi wieħed mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Kap 276 ġie miksur jew li xi dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea tkun ġiet jew x'aktarx tkun sejra tiġi miksura, li tkun ġustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja, huwa għandu jedd jitlob rimedju ai termini tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

32. Jirriżulta illi l-attur ħassu aggravat bis-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mill-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex, skont hu, ġew miksura dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea illi jimmeritaw r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni ta' kustodja tal-Qorti.

33. Jirriżulta illi għalhekk, permezz tal-azzjoni odjerna, l-attur qiegħed jitlob rimedju skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni tal-Malta u tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea.

34. Jirriżulta illi l-proċeduri penali fl-Italja fil-konfront tar-rikorrenti Paul Attard, tul is-saga kollha quddiem il-Qrati Maltin li riżultat tagħha l-estradizzjoni ma ġietx attwata, komplew għaddejjin *in absentia*.

35. Jirriżulta illi, pendenti s-smiegħ tal-kawża odjerna, l-proċeduri ġewwa l-Italja ġew deċiżi.

36. Jirriżulta, di fatti, illi permezz ta' sentenza mogħtija mit-*Tribunale Di Catania III Sezione Penale Rito Collegiale* fil-15 ta' Novembru 2022, l-istess Tribunal ma sabx lir-rikorrenti Paul Attard ħati tal-akkużi u konsegwentament ġiet ordnata t-tneħħija tal-mandat ta' arrest ewropew mill-Italja fil-konfront tal-attur.

**Ikkunsidrat**

37. Jirriżulta mill-premessi u mill-provi prodotti illi r-rikorrenti ressaq multitudni sħiħa ta' aggravji li fuqhom qiegħed jibbaża l-lanjanzi kostituzzjonali tiegħu.

38. Jirriżulta wkoll illi r-rikorrenti permezz ta' rikors datat 16 ta' Frar 2023 ressaq numru ta' talbiet addizzjonali fejn talab lill-Qorti sabiex tiddikjara illi l-ordni ta' treġġiegħ tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti tas-17 ta' Novembru 2021, kif

ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Diċembru 2021 ma fadlilha ebda skop stante li *Tribunale di Catania III Sezione Penale Rito Collegiale* b'sentenza datata 15 ta' Novembru 2022 saħaq illi r-Repubblika Taljana ma għandha l-ebda ġurisdizzjoni fuq ir-rikorrenti, sussegwentament tiddikjara illi tali ordni ta' treġġiegħ hija leżiva tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, b'mod partikolari d-dritt tal-liberta' u s-sigurta' protett taħt l-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif ukoll tordna illi tali ordni ta' treġġiegħ tiġi revokata.

39. Jirriżulta wkoll illi kif dikjarat mir-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu:

> *"L-esponenti jissenjala lil dina l-Onorabbli Qorti li mhux ser jibqa' jżomm ferm fuq l-aggravji numru 2, 3, 5 u 6, dana għaliex l-proċedimenti fir-rigward ta' dawn il-lanjanzi huma għalhekk eżawriti u ma jkunx xieraq lil dina l-Onorabbli Qorti titlef ħin prezzjuż tissindika l-istess[1]"* (fol 949).

40. Jirriżulta illi fl-istess nota ta' sottomissjonijiet, l-attur jiffoka l-lanjanzi tiegħu fuq tlett punti u ċioe:
    a. L-Artikolu 16 tal-Kap 276 tal-Liġijiet ta' Malta u l-mankanza palesi għar-referenza tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea fl-imsemmi artikolu;
    b. L-invalidita' u n-nuqqas ta' bażi legali tal-Ordni ta' treġġiegħ; u
    c. L-allegat ksur tal-Artikolu 21 (non-diskriminazzjoni) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (fol 950).

41. Jirriżulta illi l-intimati ressqu numru ta' eċċezzjonijiet fejn huma oġġezzjonaw għat-talbiet kif redatti mir-rikorrenti fejn, prinċipalment, għal dak li għandu x'jaqsam mal-ewwel aggravju saħqu illi l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE hija applikabbli biss sa fejn l-Istati Membri qegħdin jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni Ewropea, liema prinċipju huwa rifless fl-Artikolu 51 tal-Karta kif ukoll ben assodat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Illi għal dak li għandu x'jaqsam mar-raba' aggravju, l-intimati eċċeppew illi sabiex wieħed jitkellem fuq diskriminazzjoni jrid jipparaguna sitwazzjonijiet li huma oġġettivament bħal xulxin sabiex il-paragun isir fuq il-bażi ta' *'like with like'*, kif ukoll illi mhux kull distinzjoni neċessarjament tammonta għal diskriminazzjoni fis-sens tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u li r-rikorrenti ma allega ebda diskriminazzjoni għal xi raġuni elenkata fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inhu meħtieġ sabiex ikun hemm vjolazzjoni ta' dan l-artikolu.

## Meritu tal-każ

42. Illi l-ewwel u qabel kollox, il-Qorti sejra tagħmel referenza għad-dokument eżebit mir-rikorrenti fol 924 u ċioe', s-sentenza mogħtija mit-Tribunale di Catania fil-15 ta' Novembru 2022 li permezz tagħha t-Tribunal ddeċieda illi l-Istat Taljan ma għandu ebda ġurisdizzjoni fuq l-attur u li b'konsegwenza ta' hekk ġie revokat ukoll il-mandat ta' arrest maħruġ mill-Italja fil-konfront tal-attur:

> *"dichiara il difetto di giurisdizione sul fatto ascritto a Paul Attard in favore dell'Autorità Maltese, all'indirizzo della quale dispone trasmettersi gli atti.*

---
[1] Sottolinjar ta' dina l-Qorti

*dichiara la perdita di efficacia della misura cautelare applicata con ordinanza del G.I.P. di Catania del 29.4.209; nulla sullo status cautelare essendo l'imputato libero per questa causa".*

43. Illi huwa ċar u manifest illi r-revoka tal-mandat ta' arrest mir-Repubblika Taljana fil-konfront tal-attur biddlet totalment ix-xenarju li wassal għal din il-kawża ta' natura kostituzzjonali.

44. Illi indubbjament, illi l-bażi tal-azzjoni rikorrenti hija msejsa fuq l-Ordni ta' Treġġiegħ maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti fis-17 ta' Novembru 2021 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Diċembru 2021. Dan joħroġ ċar mill-qari tal-istess rikors promotur.

45. Illi ġialadarba, l-ordni ta' treġġiegħ ma jistax jiġi eżegwit stante illi l-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-Italja issa ġie rtirat, allura l-Qorti għandha, l-ewwel u qabel kollox tistħarreġ jekk l-attur għadx għandu interess ġuridiku fil-kawża odjerna jew kif komunement magħruf f'azzjonijiet konvenzjonali *"victim status".*

46. Illi referenza ser issir għall-kawża fl-ismijiet *Pietro Paolo Borg vs Giuseppe Caruana*[2] fejn il-Qorti qalet illi:

*"Illi in tema legali jinsab stabbilit fid-dritt ġudizzjarju ċivili li l-interess hu l-miżura ta' l-azzjoni (Vol XXXVII.II.608); u r-rekwiżit ta' l-interess hu ndispensabbli għall-proponibilita' ta' domandi fi kwalunkwe sedi ta' ġurisdizzjoni kontenzjuża (Vol XXVII.I.507). L-interess hu l-bażi ta' l-azzjoni (Vol XXIX.I.891); u ma jistax ikun hemm azzjoni jekk ma jkunx hemm interess (Vol XXX.I.317). L-attur fil-ġudizzju jrid ikollu nteress jistitwixxi l-azzjoni u jottjeni l-akkoljiment tagħha. Jekk l-azzjoni tkun inkapaċi li tipproduċi riżultament vantaġġjuż jew utili għal min jipproponiha, dik l-azzjoni ma tistax tiġi protetta. U l-interess irid ikun ġa' twieled u jrid ikun attwali, biex jiġġustifika l-azzjoni (Vol XXXIII.I.108; Vol XXVII.I.57); XXXVII.II.608). Biex wieħed jipproponi domanda f'ġudizzju, **kif ukoll biex imantniha**[3], hemm bżonn illi jkollu nteress fiha, jiġifieri hemm bżonn illi d-domanda ġġiblu riżultat utili; liema nteress irid ikun leġittimu u konkret (Vol XXVIII.II.317)".*

47. Illi l-kunċett tal-interess ġuridiku ġie ampjament studjat fil-kawża fl-ismijiet *Michael Caruana et vs Selby Ltd et* [4], fejn il-Qorti kkwotat bosta ġurisprudenza:

*"Illi, minbarra dan, u dejjem għal dak li jirrigwarda l-aspett tal-attwalita` tal-interess f`attur, irid jintwera li dak l-interess jibqa` jseħħ matul il-ħajja kollha tal-azzjoni, u mhux biss fil-bidu tagħha, għaliex jekk dan l-interess jintemm fix-xejn, il-konsegwenza immedjata tkun li l-imħarrek jinħeles milli jibqa` fil-kawża (App. Ċiv. 17.2.1993 fil-kawża fl-ismijiet Sammut et noe vs Attard (Kollez. Vol: LXXVII.ii.246). ...*

---

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fit-3 ta' Diċembru 1984
[3] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti
[4] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit -28 ta' Settembru 2023- Rik. Ġur. Numru 852/2017.

*Hekk ukoll fis-sentenza li tat fis-17 ta` Mejju 2011 fil-kawża "MrBookmaker.com Ltd. v. Stichting De Nationale Sporttotalisator, entita` estera" din il-Qorti (PA/FS) qalet:- "Din il-Qorti kif presjeduta, fil-kawża fl-ismijiet Maria Tabone et vs Joseph Schembri, deċiża fit-30 ta` Jannar, 2007 qalet: "Dwar il-kunċett ta` l-interess ġuridiku, jibda biex jingħad, li - Fil-kawża fl-ismijiet Giulia Maria Millard vs George Said et noe deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri [LXXII-I-II-299] ingħad li biex wieħed jista` jingħad li għandu interess ġuridiku li jipproponi azzjoni, hemm bżonn li l-kawża li jipproponi tkun tista' tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih. Fil-kawża fl-ismijiet Alexander Eminyan vs John Mousu` pro et nomine deċiża mill-Onorabbli Qorti ta` l-Appell Superjuri fit-28 ta` Frar, 1997 [LXXXI-11-429] ġie ritenut li l-interess ġuridiku jrid ikun reali u attwali u għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur u f`dan is-sens allura jrid ukoll ikun personali. Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir. L-interess irid ikun ġuridiku, ċioe` bbażat fuq xi dritt pretiż leż ta` l-atturi. (Mattirolo Vol. I pag.50; Mortara VoII p.588).*

....

*Għalhekk jekk wieħed jipprova jiġbor dawn il-prinċipji fil-qasir wieħed jista` jgħid li l-interess ġuridiku:*

*-irid ikun attwali (jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni riferibbilment għal ksur ta` jedd u jibqa` jeżisti fil-kors kollu tal-kawża)*

*- irid ikun dirett*

*- irid ikun leġittimu [konformi għal dritt ta` l-attur, u mhux biss interess]*

*- irid ikun ġuridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]*

*- l-azzjoni trid tkun kapaċi li twassal lill-attur għall-otteniment ta` vantaġġ u utilita`*

*- għandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta` vjolazzjoni ta` xi dritt li jappartjeni lill-attur*

*- il-kawża li jipproponi tkun tista` tipproduċilu riżultat utli jew vantaġġjuż għalih.*

*- Irid jiġi stabbilit in-ness ġuridiku bejn l-aġir abbużiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u d-danni jew almenu l-preġudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali għal tali aġir*

*- Ma jistax ikun ipotetiku, għalkemm jista` jirreferi għal jedd morali jew suġġettiv.*

....

*Fil-kawża deċiża mill-Prim`Awla fit-2 ta` Mejju, 2002 fl-ismijiet George Laferla et vs Joseph Lauri et ingħad li: "Huwa risaput li l-interess ta` l-attur f`kawża jrid jibqa` jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni, għaliex jekk tali interess jiġi nieqes, il-kawża ma tkunx tista` tissokta (ara "Calleja vs Micallef" deċiża mill-Qorti ta` l-Appell fl-1 ta`April, 1992, u "Sammut vs Attard" deċiża wkoll mill-istess Qorti ta` l-Appell fis-17 ta` Frar, 1993).*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-interess ġuridiku, irid jissussisti matul il-ħajja ta` l-azzjoni. Meta dan l-interess tal-kumpanija attriċi naqas, il-konsegwenza immedjata hija li l-konvenut għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. (Joseph Sammut et noe vs Carmelo Attard; App. Ċiv., 17.2.1993, Vol. LXXVII)".*

48. Fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet *Eve sive Evette Agius mart Joseph et vs L-Awtorita' tal-Artijiet et*[5], il-Qorti tenniet illi:

*"Illi l-interess ġuridiku f'kawżi bħal dik odjerna jirriżulta lil kull persuna li tallega li xi dritt kostituzzjonali u/jew konvenzjonali tkun ġiet, tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura (art 46(1) tal-Kostituzzjoni u 4(1) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta).*

*Huwa risaput ukoll li l-element tal-interess ġuridiku fil-kuntest ta' kawżi għat-tfittxija ta' drittijiet u libertajiet fundamentali tal-bniedem huwa marbut mal-kunċett ta' vittma. Dan il-kunċett f'termini konvenzjonali huwa meqjus li hu wieħed awtonomu, li jingħata interpretazzjoni mill-Qorti Ewropea (EctHR) indipendentement mill-interpretazzjoni mogħtija fil-liġi domestika.*

*"The essence of the rule is that the applicant claims to be directly affected in some way by the matter complained of even if the effect is only temporary." [Harris, O'Boyle & Warbrick, op cit 3rd ed, p 84]".*

49. F'sentenza oħra fl-ismijiet *Gladys Sant Fournier et vs L-Avukat tal-Istat et*[6], il-Qorti rribadiet is-segwenti:

*"Tajjeb jiġi sottolineat illi l-jeddijiet naxxenti minn leżjoni tad-drittijiet fundamentali ma humiex trasferibbli inter vivos. Prinċipju kardinali fil-kawżi kostituzzjonali hu illi bħala regola huwa mogħti d-dritt li jadixxi l-qrati dwar allegazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali min jikkwalifika għal 'victim status'".*

50. Illi fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet *Avukat Dr Anna Mallia vs Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura et*[7], kemm il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-Sede Kostituzzjonali tagħha kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali għamlu analiżi approfondita ta' x'inhu *"victim status"*. Fis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla, l-Qorti tispjega kif ġej:

[5] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fil-5 ta' Ottubru 2017 - Rik. Numru 101/2013
[6] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-30 ta' Novembru 2022 - Rik. Numru 132/2019
[7] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Diċembru 2021 u mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta' Jannar 2024 - Rik. Numru 234/2021

*"Il-Kostituzzjoni ta' Malta tirreferi kemm għall-interess ġuridiku kif ukoll għall-victim status. Min-naħa l-oħra, Artiklu 34 tal-Konvenzjoni titkellem fuq victim status.*

*Hemm differenzi bejn l-interess ġuridiku kif definit fid-dritt ċivili u l-victim status kif magħruf mill-Qorti ta' Strasburgu. Interess ġuridiku jrid ikun dirett. Il-victim status jista' jkun kemm dirett kif ukoll indirett. L-interess ġuridiku jrid ikun attwali. Il-victim status jista' wkoll ikun potenzjali.*

*Il-Kostituzzjoni ma tgħidx espressament li biex wieħed jallega ksur ta' jedd fundamentali, irid ikollu interess. Tgħid li biex wieħed jattakka liġi mhux fuq ksur fundamentali, ma jridx jipprova li għandu xi interess ġuridiku. Huwa biss permezz ta' raġunament a contrario sensu li wieħed jasal għall-konklużjoni loġika li f'każ ta' liġi li tikser il-jedd fundamentali, jinħtieġ l-interess ġuridiku. B'danakollu, hemm imbagħad id-disposizzjoni fil-Kostituzzjoni li tgħid li wieħed jista' jallega ksur ta' jedd li aktarx ikun sejjer jinkiser. Dan iwessa' l-kunċett tal-attwalita` tal-interess ġuridiku. J.J. Cremona, conditor tal-Kostituzzjoni tal-Indipendenza, jikkummenta li:*

*"A striking feature of these provisions is that the right to seize the court is granted also to any person who alleges that any of his protected rights is 'likely' to be contravened, which could cover also a reasonable probability that an apprehended action may take place. This is in a sense an interesting extension of the ordinary 'victim' concept."*

*F'dan ir-rigward il-Kostituzzjoni tagħna hija artikolata b'mod iktar wiesa mill-Konvenzjoni, li permezz tal-Artiklu 34 tagħha, tgħid sempliċiment li l-Qorti ta' Strasburgu tista' tirċievi applikazzjonijiet individwali minn kwalunkwe persuna, organizzazzjoni non-governattiva jew gruppi t'individwi "claiming to be the victim of a violation". In-nozzjoni ta' vittma potenzjali ma nsibuhiex fit-test tal-Konvenzjoni.*

*B'danakollu, il-Qorti ta' Strasburgu tat interpretazzjoni wiesgħa ta' min jikkwalifika bħala vittma. Dan għaliex tqis li m'għandniex napplikaw b'mod strett l-elementi tal-interess ġuridiku f'tema ta' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali. Filwaqt li m'għandniex inħallu lil kull ċittadin li ma togħġbux liġi li jagħmel kawża abbażi ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali, min-naħa l-oħra lanqas għandna naddottaw sistema riġida li ma tagħtix kenn lil min fil-fatt jista' jintlaqat. Il-Qorti ta' Strasburgu sewwa ammoniet li huwa mistenni li x'wieħed jifhem b''vittma' jevolvi tal-Kostituzzjoni fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-soċjeta` kontemporanja u jrid jiġi applikat mingħajr formaliżmu eċċessiv" (Monnat v Switzerland §30-33; Gorraiz Lizarraga v Spain §38; Stukus v Poland §35; Zietal v Poland §54-59)".*

51. Illi fil-kawża hawn fuq imsemmija, l-Qorti Kostituzzjonali dwar il-kunċett ta' "vittma" tagħmel referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem:

*"Il-Qorti jidhrilha li, biex tkun f'qagħda li tqis sewwa l-aggravji tal-intimati u l-argumenti tal-attriċi appellata dwar din il-parti tas-sentenza preliminari, ikun xieraq li tislet dan li ġej minn dokument li jfisser b'reqqa l-kunċett ta' "vittma" għall-għanijiet tal-Konvenzjoni u l-limiti aċċettati ta' dak l-istat (Practical Guide on Admissibility Criteria mitbugħ mir-Reġistru tal-Q.E.D.B. (Awwissu 2023).*

*"24. The Court has consistently held that the Convention does not provide for the institution of an actio popularis and that its task is not normally to review the relevant law and practice in abstracto, but to determine whether the manner in which they were applied to or affected the applicant gave rise to a violation of the Convention (for example, Roman Zakharov v. Russia [GC], 2015, § 164). .. 25. The word "victim", in the context of Article 34 of the Convention, denotes the person or persons directly or indirectly affected by the alleged violation. Hence, Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (Vallianatos and Others v. Greece. The notion of "victim" is interpreted autonomously and irrespective of domestic rules such as those concerning interest in or capacity to take action (Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, 2004, § 35), even though the Court should have regard to the fact that an applicant was a party to the domestic proceedings (Aksu v. Turkey [GC], 2012, § 52; Micallef v. Malta [GC], 2009, § 48; Bursa Barosu Başkanliği and Others v. Turkey, 2018, §§ 109-117). It does not imply the existence of prejudice (Brumărescu v. Romania [GC], 1999, § 50), and an act that has only temporary legal effects may suffice (Monnat v. Switzerland, 2006, § 33). 26. The interpretation of the term "victim" is liable to evolve in the light of conditions in contemporary society and it must be applied without excessive formalism (ibid., §§ 30-33; Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain, 2004, § 38; Stukus and Others v. Poland, 2008, § 35; Ziętal v. Poland, 2009, §§ 54-59). The Court has held that the issue of victim status may be linked to the merits of the case (Siliadin v. France, 2005, § 63; Hirsi Jamaa and Others v. Italy [GC], 2012, § 111). The Court can examine the question of victim status and locus standi ex officio, since it concerns a matter which goes to the Court's jurisdiction (Buzadji v. the Republic of Moldova [GC], 2016, § 70; Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland [GC], 2017, § Rik. Kost. 234/2021/41 Paġna 35 minn 44 93; Unifaun Theatre Productions Limited and Others v. Malta, 2018, §§ 63-66; Jakovljević v. Serbia (dec.), 2020, § 29). 27. The distribution of the burden of proof is intrinsically linked to the specificity of the facts, the nature of the allegation made and the Convention right at stake (N.D. and N.T. v. Spain [GC], 2020, §§ 83-88). ... 28. In order to be able to lodge an application in accordance with Article 34, an applicant must be able to show that he or she was "directly affected" by the measure complained of (Tănase v. Moldova [GC], 2010, § 104; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 33; Lambert and Others v. France [GC], 2015, § 89). This is indispensable for putting the protection mechanism of the Convention into motion (Hristozov and Others v. Bulgaria, 2012, § 73), although this criterion is not to be applied in a rigid, mechanical and inflexible way throughout the proceedings (Micallef v. Malta [GC], 2009, § 45; Karner v. Austria, 2003, §*

*25; Aksu v. Turkey [GC], 2012, § 51). For instance, a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party (Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy [GC], 2012, § 92) ...";*

*36. Kif ingħad qabel, wieħed jista' jqis persuna li tkun "vittma" b'mod indirett. Dwar dan, l-imsemmi dokument jgħid li "30. If the alleged victim of a violation has died before the introduction of the application, it may be possible for the person with the requisite legal interest as next-of-kin to introduce an application raising complaints related to the death or disappearance of his or her relative (Varnava and Others v. Turkey [GC], 2009, § 112). This is because of the particular situation governed by the nature of the violation alleged and considerations of the effective implementation of one of the most fundamental provisions in the Convention system (Fairfield v. the United Kingdom (dec.), 2005). 31. In such cases, the Court has accepted that close family members, such as parents, of a person whose death or disappearance is alleged to engage the responsibility of the State can themselves claim to be indirect victims of the alleged violation of Article 2, the question of whether they were legal heirs of the deceased not being relevant (Van Colle v. the United Kingdom, 2012, § 86; Tsalikidis and Others v. Greece, 2017, § 64; Kotilainen and Others v. Finland, 2020, §§ 51-52).". F'dan ir-rigward, jidher li l-biċċa l-kbira miċ-ċirkostanzi aċċettati mill-Q.E.D.B. jolqtu qraba ta' persuni (mejta jew nieqsa) li ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom, jew, fir-rigward ta' jeddijiet oħrajn imħarsin taħt il-Konvenzjoni, azzjonisti ta' kumpaniji li ma jistgħux iressqu azzjoni waħedhom. B'mod partikolari, organizzazzjonijiet mhux governativi, jew persuni legali oħrajn (assoċjazzjonijiet) li jixbhuhom ma jitqisux bħala "vittmi indiretti", imqar jekk ikunu twaqqfu sewwasew biex jissieltu għall-interessi ta' xi kategorija jew oħra ta' persuni fiżiċi;*

*37. Ta' siwi ewlieni għall-għanijiet tal-aggravju fejn jirrigwarda l-istat ta' "vittmi potenzjali", l-imsemmi dokument għandu dan x'jgħid: "46. Article 34 of the Convention does not allow complaints in abstracto alleging a violation of the Convention (Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania [GC], 2014, § 101 and the references cited therein). In certain specific situations, however, the Court has accepted that an applicant may be a potential victim... 47. In order to be able to claim to be a victim in such a situation, an applicant must produce reasonable and convincing evidence of the likelihood that a violation affecting him or her personally will occur; mere suspicion or conjecture is insufficient (Senator Lines GmbH v. fifteen member States of the European Union (dec.) [GC], 2004; Shortall and Others v. Ireland (dec.), 2021). .. .. 49. The Court has also underlined that the Convention does not envisage the bringing of an actio popularis for the interpretation of the rights it contains or permit individuals to complain about a provision of a domestic law simply because they consider, without having been directly affected by it, that it may Rik. Kost. 234/2021/41 Paġna 38 minn 44 contravene the Convention (Aksu v. Turkey [GC], 2012, § 50; Burden v. the United Kingdom [GC], 2008, § 33; Dimitras and Others v. Greece (dec.), 2017, §§ 28-32; Cordella and Others v. Italy, 2019, § 100; Kalfagiannis and Pospert v. Greece (dec.), 2020, § 46) ... In the context of Article 10 of the Convention, the mere fact that an applicant could*

*no longer watch or listen to the programmes previously broadcast by a public service broadcaster closed by the Government did not suffice to establish his victim status with respect to the right to receive information (Kalfagiannis and Pospert v. Greece (dec.), 2020, §§ 46-47). 50. However, it is open to a person to contend that a law violates his or her rights, in the absence of an individual measure of implementation, if he or she is required either to modify his or her conduct or risks being prosecuted or if he or she is a member of a class of people who risk being directly affected by the legislation (Tănase v. Moldova [GC], 2010, § 104; Michaud v. France, 2012, §§ 51-52; Sejdić and Finci v. Bosnia and Herzegovina [GC], 2009, § 28)";*

***38. Il-Qorti tqis li huwa siewi wkoll li jintwera li l-istat ta' "vittma" kif meqjus hawn fuq ikun inkiseb u nżamm għaż-żmien kollu rilevanti. "51. It falls first to the national authorities to redress any alleged violation of the Convention. Hence, the question whether an applicant can claim to be a victim of the violation alleged is relevant at all stages of the proceedings before the Court (Scordino v. Italy (no. 1) [GC], 2006, § 179; Rooman v. Belgium [GC], 2019, §§ 128-133). In this regard, the applicant must be able to justify his or her status as a victim throughout the proceedings (Burdov v. Russia, 2002, § 30; Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy [GC], 2012, § 80);[8]***

52. Illi fl-ottika ta' dak kollu hawn fuq delineat u fl-ottika tal-insenjament tal-ġurisprudenza supraċitat, il-Qorti ma tista' bl-ebda mod tqis illi r-rikorrenti għad għandu *"victim status"* kif inhu rikjest f'kawżi ta' natura konvenzjonali, bħal dik odjerna.

53. Illi kif ingħad aktar 'il fuq, il-kunċett ta' *"vittma"* ai termini tal-Artikolu 34 tal-Konvenzjoni huwa ħafna aktar estiż minn dak ta' interess ġuridiku hekk kif definit fid-dritt ċivili. Illi maż-żmien il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem, wessgħet dan il-kunċett u ġie stabbilit illi jista' jkun hemm tlett tipi ta' vittmi: *"direct victim"*, *"indirect victim"* u *"potential victim"*.

54. Magħdud ma' dan il-Qorti tirrileva illi kemm il-*"victim status"* kif ukoll l-interess ġuridiku jridu jkunu preżenti tul il-proċedura kollha u jrid jibqa' jeżisti tul il-kors tal-kawża.

55. Fil-kawża in deżamina, l-Qorti tosserva illi ġialadarba l-bażi tal-azzjoni tal-attur tirrigwardja t-treġġigħ tiegħu lejn l-Italja, u ġialadarba l-mandat ta' arrest Ewropew mir-Repubblika Taljana ġie revokat pendenti s-smiegħ ta' din il-kawża, allura l-attur ma jistax jitqies illi għad għandu *"victim status"*- la bħala *"direct victim"*, la bħala *"potential victim"* u wisq anqas bħala *"indirect victim"*.

**Ikkunsidrat**

56. Minkejja dak fuq ġia osservat u dikjarat, il-Qorti tħoss illi għandha brevement tagħmel referenza għat-talbiet addizzjonali promossi mill-istess rikorrenti fir-rikors ippreżentat fis-16 ta' Frar 2023.

[8] Enfażi u sottolinear ta' din il-Qorti

57. Kif diġa' ngħad aktar 'l fuq, l-azzjoni promossa mill-attur ma tistax tiġi akkolta stante illi huwa m'għandux jew aħjar m'għadx għandu *"victim status"* f'dawn il-proċeduri. Madanakollu, l-Qorti ma tistax ma tqisx favorevolment l-ewwel talba addizzjonali magħmula fir-rikors hawn fuq imsemmi, riprodotta f'paragrafu 14 aktar 'il fuq, liema talba tipprovdi kif ġej:

    *"Tiddikjara illi l-ordni ta' treġġiegħ tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ta' nhar is-17 ta' Novembru 2021, kif ikkonfermata fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) per Onor. Imħallef Giovanni Grixti, nhar id-9 ta' Diċembru 2021, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs. Paul Attard, ma fadlilha ebda skop stante li Tribunale di Catania III Sezione Penale Rito Collegiale, permezz tas-sentenza tagħha ta' nhar il- 15 ta' Novembru 2022, saħaq illi r-Repubblika Taljana m'għandha l-ebda ġurisdizzjoni fuq l-esponenti"* (fol 917).

58. Din il-Qorti tirrileva illi, b'tali talba, ir-rikorrenti jressaq fatti jkomplu jsaħħu l-mankanza ta' *"victim status"* tal-attur. Huwa stat ta' fatt illi n-nuqqas ta' sejbien ta' ħtija tar-rikorrenti Paul Attard mit-Tribunale di Catania, u konsegwentament ir-revoka tal-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ fil-konfront tal-attur mill-Istat Taljan, irendu l-Ordni ta' Treġġiegħ pronunzjat mill-Qrati Maltin bħala wieħed bla skop. Dana huwa ovvju – madanakollu, il-konsulenti legali tar-rikorrent ħassew illi, filwaqt li din il-Qorti ma kellhiex *"titlef ħin prezzjuż tissindika l-istess*" fejn jirrigwarda kwistjonijiet ta' natura Kostituzzjonali, kellha żmien biżżejjed biex toqgħod tiddikjara l-ovvju!

59. Din il-Qorti, għal darb' oħra, tistqarr illi hija inaċċettabbli illi l-ħin limitat tal-Qorti jittieħed mingħand kawżi oħra ta' natura serja u jinħela minn Avukati fuq affarijiet illi ma għandhom assolutament ebda rilevanza għar-rikorrent, li llum il-ġurnata ma jistax jitqies bħala vittma aktar, u huma biss ta' użu akkademiku.

60. Din il-Qorti għandha id-dubji tagħha 'l għaliex l-avukati tar-rikorrenti insistew li dina l-Qorti kellha tagħti deċiżjoni li ma kienet ta' ebda rilevanza għall-klijent tagħhom, prassi li jidher illi qiegħda tiġi regolarment ulitizzata minn grupp ristrett ta' Avukati illi jaħdmu f'qasam partikolari tal-Liġi!

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tastjeni** milli tieħu konjizzjoni tat-tieni, it-tielet, ir-raba', is-sitt, is-sebgħa, it-tmien, u d-disgħa talbiet tar-rikorrenti u dan fid-dawl ta' dak iddikjarat mir-rikorrenti stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu.

**Tiċħad** l-ewwel u l-ħames talbiet tar-rikorrenti, għar-raġunijiet fuq spjegati.

**Tilqa'**, għal kull buon fini, l-ewwel talba addizzjonali tar-rikorrent u għalhekk.

**Tiddikjara** illi l-ordni ta' treġġiegħ tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ta' nhar is-17 ta' Novembru 2021, kif ikkonfermata fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) per Onor. Imħallef Giovanni Grixti, nhar id-9 ta' Diċembru 2021, fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Mark Galea) vs. Paul Attard, ma fadlilha ebda skop stante li Tribunale di Catania III Sezione Penale Rito Collegiale, permezz tas-sentenza tagħha ta' nhar il-15 ta' Novembru 2022, saħaq illi r-Repubblika Taljana m'għandha l-ebda ġurisdizzjoni fuq l-esponenti.

**Tiċħad** il-kumplament tat-talbiet addizzjonali tar-rikorrenti mressqa permezz tar-rikors supraċitat.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**